2026/1395

22.6.2026

REGOLAMENT (UE) 2026/1395 TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

tas-17 ta' Ġunju 2026

dwar l-applikazzjoni ta' skema ġeneralizzata ta' preferenzi tariffarji u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 978/2012

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 207(2) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Filwaqt li jaġixxu f'konformità mal-proċedura leġiżlattiva ordinarja ([1]),

Billi:

(1) Mill-1971, l-Unjoni tat preferenzi ta' kummerċ lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw skont l-iskema ġeneralizzata ta' preferenzi tariffarji (SĠP) tagħha.

(2) Il-politika kummerċjali komuni tal-Unjoni għandha tkun iggwidata mill-prinċipji tal-azzjonijiet esterni tal-Unjoni kif stabbiliti fl-Artikolu 21 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u ssegwi l-objettivi tagħhom.

(3) Peress li l-politika tal-Unjoni fil-qasam tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp għandha titwettaq fi ħdan il-qafas tal-prinċipji u l-objettivi tal-azzjoni esterna tal-Unjoni, il-politika kummerċjali komuni tal-Unjoni għandha tkun konsistenti ma', u tikkontribwixxi għall-konsolidazzjoni ta', l-objettivi primarji tal-politika tal-Unjoni fil-qasam tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp, kif stipulati fl-Artikolu 208 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), b'mod partikolari t-tnaqqis u l-qerda tal-faqar, u jenħtieġ ukoll li tippromwovi l-iżvilupp ekonomiku, soċjali, u ambjentali sostenibbli u governanza tajba fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw. Jenħtieġ li l-politika kummerċjali komuni tal-Unjoni tkun konformi wkoll mar-rekwiżiti tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (WTO), b'mod partikolari mad-Deċiżjoni dwar it-Trattament Differenzjat u l-Aktar Favorevoli, ir-Reċiproċità u l-Parteċipazzjoni Aktar Sħiħa tal-Pajjiżi li Qed Jiżviluppaw ("Klawsola ta' Abilitazzjoni"), adottata skont il-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ (GATT) fl-1979, li skontha Membri tad-WTO jkunu jistgħu jikkonċedu trattament differenzjat u aktar favorevoli lil pajjiżi li qed jiżviluppaw.

(4) Ir-Regolament (UE) Nru 978/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]), kif emendat bir-Regolament (UE) 2023/2663 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]), jipprevedi l-applikazzjoni tas-SĠP sal-31 ta' Diċembru 2027, ħlief għall-arranġament speċjali għall-pajjiżi l-anqas żviluppati li ma tapplikax data ta' skadenza għalihom. Minn hemm 'il quddiem, jenħtieġ li s-SĠP tkompli tapplika għal perjodu sussegwenti ta' 10 snin mid-data tal-applikazzjoni tal-preferenzi tariffarji previsti f'dan ir-Regolament, ħlief għall-arranġament speċjali għall-pajjiżi l-anqas żviluppati, li jenħtieġ li jkomplu jiġu applikati mingħajr data ta' skadenza.

([1]) Il-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tat-28 ta' April 2026 (għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali) u d-deċiżjoni tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2026.

([2]) Ir-Regolament (UE) Nru 978/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 li japplika skema ta' preferenzi tariffarji ġeneralizzati u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 732/2008 (ĠU L 303, 31.10.2012, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2012/978/oj).

([3]) Ir-Regolament (UE) 2023/2663 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Novembru 2023 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 978/2012 li japplika skema ta' preferenzi tariffarji ġeneralizzati (ĠU L, 2023/2663, 27.11.2023, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2023/2663/oj).

(5) L-objettivi ġenerali tas-SĠP huma li tappoġġa l-qerda tal-faqar fil-forom kollha tiegħu, f'konformità mar-Riżoluzzjoni A/RES/70/1 tal-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti (NU) bit-titolu "Transforming our world: the 2030 Agenda for Sustainable Development" (l-"Aġenda 2030 tan-NU"), b'mod partikolari l-Għan ta' Żvilupp Sostenibbli 17 relatat mal-kummerċ, il-Mira 12, u biex tiġi promossa l-Aġenda 2030 tan-NU, filwaqt li tiġi evitata ħsara għall-interessi tal-industrija tal-Unjoni. L-Evalwazzjoni ta' Nofs it-Terminu tal-2018 tal-Iskema Ġeneralizzata ta' Preferenzi u l-Istudju tal-2021 b'appoġġ għalvalutazzjoni tal-impatt biex jiġi mħejji r-rieżami tar-Regolament SĠP (UE) Nru 978/2012 ikkonkludew li l-qafas tas-SĠP skont ir-Regolament (UE) Nru 978/2012 laħaq dawk l-objettivi ġenerali, li kienu fil-qalba tar-riforma tal-2012 tas-SĠP.

(6) L-objettivi ġenerali tas-SĠP jibqgħu rilevanti fil-kuntest globali attwali u huma konsistenti mal-analiżi u l-perspettiva tal-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-18 ta' Frar 2021 bit-titolu "Rieżami tal-Politika Kummerċjali - Politika Kummerċjali Miftuħa, Sostenibbli u Assertiva". Skont dik il-komunikazzjoni, l-Unjoni għandha "interess strateġiku li tappoġġa integrazzjoni msaħħa fl-ekonomija dinjija ta' pajjiżi vulnerabbli li qed jiżviluppaw" u "trid tuża bis-sħiħ is-saħħa pprovduta mill-ftuħ tagħha u l-attraenza tas-Suq Uniku tagħha" biex tappoġġa l-multilateraliżmu u tiżgura l-aderenza mal-valuri universali. Għas-SĠP speċifikament, il-komunikazzjoni tinnota r-rwol importanti tagħha fil-"promozzjoni tar-rispett għad-drittijiet fundamentali tal-bniedem u tax-xogħol" u tistabbilixxi l-objettiv għas-SĠP "li jkomplu jiżdiedu l-opportunitajiet tal-kummerċ għall-pajjiżi li qed jiżviluppaw biex inaqqsu l-faqar u joħolqu impjiegi bbażati fuq valuri u prinċipji internazzjonali". Barra minn hekk, jenħtieġ li s-SĠP tassisti lill-pajjiżi benefiċjarji fit-tisħiħ tal-ekonomiji tagħhom b'mod sostenibbli, inkluż fir-rigward tad-drittijiet internazzjonali tal-bniedem, id-drittijiet tax-xogħol, il-klima u l-ħarsien tal-ambjent, u l-istandards ta' governanza tajba. Jenħtieġ li tiġi żgurata l-konsistenza bejn l-objettivi tas-SĠP u l-assistenza pprovduta lill-pajjiżi benefiċjarji, f'konformità mal-Artikolu 208 tat-TFUE u mal-koerenza tal-politiki għall-iżvilupp tal-Unjoni, li tikkostitwixxi pilastru ewlieni tal-isforzi tal-Unjoni biex jittejjeb l-impatt pożittiv u tiżdied l-effettività tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp. L-assistenza għall-iżvilupp tal-Unjoni rregolata mir-Regolament (UE) 2021/947 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([4]) u s-SĠP jikkondividu l-objettiv ta' żvilupp sostenibbli. L-użu mill-pajjiżi benefiċjarji tal-preferenzi tariffarji previsti skont dan ir-Regolament u r-ratifika u l-implimentazzjoni effettiva tal-konvenzjonijiet u l-ftehimiet internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem, id-drittijiet tax-xogħol, il-klima u l-ħarsien tal-ambjent, u l-governanza tajba jistgħu jikkontribwixxu għall-kisba ta' dak l-objettiv. Għaldaqstant, fl-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li jiġu żgurati sinerġiji u komplementarjetà mal-azzjonijiet meħuda fi ħdan il-qafas tar-Regolament (UE) 2021/947.

(7) Billi tipprovdi aċċess preferenzjali għas-suq tal-Unjoni, jenħtieġ li s-SĠP tassisti lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw fl-isforzi tagħhom biex inaqqsu l-faqar u jiksbu u jippromwovu governanza tajba u żvilupp sostenibbli billi tgħinhom jiġġeneraw dħul addizzjonali permezz tal-kummerċ internazzjonali, li mbagħad ikun jista' jiġi investit mill-ġdid għall-benefiċċju tal-iżvilupp tagħhom proprju u, barra minn hekk, biex jiddiversifikaw l-ekonomiji tagħhom. Jenħtieġ li l-preferenzi tariffarji skont is-SĠP jiffukaw fuq dawk il-pajjiżi li qed jiżviluppaw li għandhom ħtiġijiet akbar ta' żvilupp, ta' kummerċ u ta' finanzi.

(8) L-ugwaljanza bejn il-ġeneri fil-politiki kollha tal-Unjoni hija stabbilita sew fl-Artikolu 8 tat-TFUE u hija wkoll fil-qalba tal-Aġenda 2030 tan-NU, kif minqux fl-Għan ta' Żvilupp Sostenibbli 5 tagħha. Il-ftehimiet ta' kummerċ u ta' investiment, madankollu, għandhom ħabta jaffettwaw lin-nisa u lill-irġiel b'mod differenti minħabba l-inugwaljanzi strutturali bejn il-ġeneri. Is-SĠP għandha l-potenzjal li tikkontribwixxi b'mod pożittiv għall-impjiegi u għall-emanċipazzjoni tan-nisa.

(9) Jenħtieġ li s-SĠP tikkonsisti f'arranġament bażiku ("SĠP standard"), u żewġ arranġamenti speċjali, jiġifieri l-arranġament speċjali ta' inċentivi għal żvilupp sostenibbli u governanza tajba (SĠP+), u l-arranġament speċjali għall-pajjiżi l-anqas żviluppati, Kollox Minbarra Armi (KMA). Għaldaqstant, din tkompli l-istruttura tal-perjodu preċedenti, billi tiffoka fuq il-pajjiżi l-aktar fil-bżonn u tindirizza l-ħtiġijiet ta' żvilupp li jvarjaw ta' pajjiżi benefiċjarji. Jenħtieġ li s-SĠP trawwem integrazzjoni reġjonali bejn il-pajjiżi li qed jiżviluppaw, u jenħtieġ li japplikaw għat-territorju kollu tal-pajjiż benefiċjarju, inkluż għal żoni ekonomiċi speċjali u għal żoni ta' pproċessar għall-esportazzjoni.

([4]) Ir-Regolament (UE) 2021/947 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Ġunju 2021 li jistabbilixxi l-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali – Ewropa Globali, li jemenda u jħassar id-Deċiżjoni Nru 466/2014/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar ir-Regolament (UE) 2017/1601 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 480/2009 (ĠU L 209, 14.6.2021, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2021/947/oj).

(10) Jenħtieġ li s-SĠP standard tingħata lill-pajjiżi kollha li qed jiżviluppaw li jikkondividu ħtieġa ta' żvilupp komuni u jinsabu fi stadju simili ta' żvilupp ekonomiku. Ma hemm l-ebda definizzjoni ta' "pajjiżi li qed jiżviluppaw" fil-livell tad-WTO, u huwa f'idejn il-pajjiżi li jagħtu l-preferenzi li jiddeterminaw il-lista tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw li huma eliġibbli għas-SĠP. Jenħtieġ li l-pajjiżi li rnexxielhom ilestu t-tranżizzjoni tagħhom minn ekonomiji ċentralizzati għal dawk tas-suq, u li llum huma ekonomiji b'saħħithom b'pożizzjoni b'saħħitha fil-kummerċ internazzjonali, ma jitqisux bħala pajjiżi li qed jiżviluppaw fil-kuntest tas-SĠP u, għaldaqstant, jenħtieġ li jitneħħew mil-lista ta' pajjiżi eliġibbli. Pajjiżi li huma kklassifikati mill-Bank Dinji bħala pajjiżi ta' dħul għoli jew medju superjuri għandhom livelli ta' dħul *per capita* li jippermettulhom jiksbu livelli ogħla ta' diversifikazzjoni minħajr preferenzi tariffarji tas-SĠP. Dawk il-pajjiżi li jinsabu fi stadju differenti tal-iżvilupp ekonomiku u, għaldaqstant, ma għandhomx l-istess ħtiġijiet ta' żvilupp, ta' kummerċ u ta' finanzjament bħall-pajjiżi li qed jiżviluppaw bi dħul baxx jew li huma aktar vulnerabbli. Għalhekk, sabiex tiġi evitata diskriminazzjoni mhux ġustifikata, jenħtieġ li dawn ma jibbenefikawx mis-SĠP standard. Barra minn hekk, jenħtieġ li pajjiżi bi dħul għoli jew dħul medju superjuri ma jibbenefikawx mill-preferenzi tariffarji skont is-SĠP peress li dan iżid il-pressjoni kompetittiva fuq esportazzjonijiet minn pajjiżi ifqar, aktar vulnerabbli u jista', għaldaqstant, jimponi piżijiet mhux ġustifikabbli fuq dawk il-pajjiżi aktar vulnerabbli li qed jiżviluppaw. Fl-applikazzjoni tas-SĠP standard, jenħtieġ li jitqies il-fatt li l-iżvilupp, il-kummerċ u l-ħtiġijiet finanzjarji ta' pajjiż huma soġġetti għal tibdil. Għalhekk, jenħtieġ li jiġi żgurat li l-SĠP standard tiġi aġġustata.

(11) F'ġieħ il-konsistenza, jenħtieġ li l-preferenzi tariffarji mogħtija skont is-SĠP standard ma jiġux estiżi lil pajjiżi li qed jiżviluppaw u li jkunu qed jibbenefikaw minn arranġament preferenzjali għal aċċess għas-suq mal-Unjoni, li jipprovdi mill-anqas l-istess livell ta' preferenzi tariffarji bħas-SĠP standard għal sostanzjalment il-kummerċ kollu. Madankollu, biex jagħti lil pajjiż benefiċjarju u lill-operaturi ekonomiċi żmien għal adattament ordnat, jenħtieġ li s-SĠP standard tkompli tingħata għal sentejn mid-data tal-applikazzjoni ta' arranġament preferenzjali għal aċċess għas-suq għal dak il-pajjiż benefiċjarju.

(12) Is-SĠP+ hija bbażata fuq il-kunċett integrali ta' żvilupp sostenibbli, kif rikonoxxut minn konvenzjonijiet u strumenti internazzjonali bħad-Dikjarazzjoni tan-NU tal-1986 dwar id-Dritt għall-Iżvilupp, id-Dikjarazzjoni ta' Rio tal-1992 dwar l-Ambjent u l-Iżvilupp, id-Dikjarazzjoni tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (ILO) tal-1998 dwar il-Prinċipji u d-Drittijiet Fundamentali fuq ix-Xogħol, id-Dikjarazzjoni tal-Millennju tan-NU tal-2000, id-Dikjarazzjoni ta' Johannesburg tal-2002 dwar l-Iżvilupp Sostenibbli, id-Dikjarazzjoni taċ-Ċentenarju tal-ILO għall-Futur tax-Xogħol tal-2019, l-Aġenda 2030 tan-NU, il-Prinċipji Gwida tal-2011 tan-NU dwar in-Negozju u d-Drittijiet tal-Bniedem, u l-Ftehim ta' Pariġi adottat fit-12 ta' Diċembru 2015 skont il-Konvenzjoni Qafas tan-NU dwar it-Tibdil fil-Klima (il-"Ftehim ta' Pariġi"). Konsegwentement, jenħtieġ li l-preferenzi tariffarji addizzjonali previsti skont is-SĠP + jingħataw lil dawk il-pajjiżi li qed jiżviluppaw li, minħabba nuqqas ta' diversifikazzjoni, huma ekonomikament vulnerabbli, u rratifikaw konvenzjonijiet internazzjonali u arranġamenti dwar id-drittijiet tal-bniedem, id-drittijiet tax-xogħol, il-klima u l-ħarsien tal-ambjent, u l-governanza tajba, u jimpenjaw ruħhom li jiżguraw l-implimentazzjoni effettiva tagħhom. Jenħtieġ li s-SĠP+ tgħin lil dawk il-pajjiżi biex jassumu r-responsabbiltajiet addizzjonali li jirriżultaw mir-ratifika u l-implimentazzjoni effettiva ta' dawk il-konvenzjonijiet u l-ftehimiet internazzjonali. Jenħtieġ li l-Unjoni tinvolvi ruħha f'missjonijiet regolari ta' monitoraġġ u djalogu mal-pajjiżi benefiċjarji tas-SĠP+ sabiex tippromwovi l-valuri universali tad-drittijiet tal-bniedem, inkluż il-progress lejn l-abolizzjoni tal-piena tal-mewt, lejn ir-responsabbiltà għal delitti tal-gwerra u delitti serji oħra, u lejn l-infurzabbiltà tad-drittijiet tal-bniedem eżistenti. Barra minn hekk, jenħtieġ li d-djalogu mal-pajjiżi benefiċjarji tas-SĠP+ jippromwovi l-prinċipji u d-drittijiet fundamentali fuq il-post tax-xogħol, il-ħarsien tal-ambjent, u l-governanza tajba.

(13) Jenħtieġ li l-lista ta' konvenzjonijiet internazzjonali rilevanti għas-SĠP stabbilita fl-Anness VIII tar-Regolament (UE) Nru 978/2012 tkun aġġornata biex tirrifletti aħjar l-evoluzzjoni ta' dawk l-istrumenti u l-istandards internazzjonali u biex tieħu approċċ proattiv għall-iżvilupp sostenibbli f'konformità mal-Aġenda 2030 tan-NU u mal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli. F'dak ir-rigward, jenħtieġ li jiżdiedu l-konvenzjonijiet li ġejjin: il-Ftehim ta' Pariġi – li jissostitwixxi l-Protokoll ta' Kjoto tal-1997 għall-Konvenzjoni Qafas tan-NU dwar it-Tibdil fil-Klima; il-Konvenzjoni tal-2006 dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabbilità; il-Protokoll Fakultattiv tal-2000 għall-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tat-Tfal dwar l-involviment tat-tfal f'kunflitti armati; il-Konvenzjoni tal-ILO tal-1947 dwar l-Ispezzjoni tax-Xogħol fl-Industrija u l-Kummerċ (Nru 81); il-Konvenzjoni tal-ILO tal-1976 dwar Konsultazzjonijiet Tripartitiċi għall-Promozzjoni tal-Implimentazzjoni tal-Istandards Internazzjonali dwar ix-Xogħol (Nru 144); u l-Konvenzjoni tan-NU tal-2000 kontra l-Kriminalità Organizzata Transnazzjonali. Jenħtieġ li l-Kummissjoni, meta rilevanti flimkien mas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE), permezz ta' djalogu eżistenti mal-pajjiżi benefiċjarji tas-SĠP standard jew tal-KMA, tirrieżamina l-progress tagħhom lejn ir-ratifika tal-konvenzjonijiet u l-ftehimiet internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem, id-drittijiet tax-xogħol, il-klima u l-ħarsien tal-ambjent, u l-governanza tajba rilevanti għas-SĠP u elenkati fl-Anness VI ta' dan ir-Regolament (il-"konvenzjonijiet rilevanti") u tħeġġeġ aktar progress bħal dan għall-fini li jintlaħaq l-objettiv ta' żvilupp sostenibbli.

(14) Jenħtieġ li l-pajjiżi li jiggradwaw mill-kategorija tal-pajjiżi l-anqas żviluppati dežinjata min-NU jiġu inċentivati biex ikomplu fit-triq tal-iżvilupp sostenibbli. Għal dak il-fini, jenħtieġ li l-kriterji ta' vulnerabbiltà ekonomika biex jikkwalifikaw għas-SĠP+ jiġu llaxkati meta mqabbel mar-Regolament (UE) Nru 978/2012, biex jiġi ffaċilitat l-aċċess minn għadd akbar ta' pajjiżi li jiggradwaw mill-kategorija tal-pajjiżi l-anqas żviluppati.

(15) Jenħtieġ li l-preferenzi tariffarji jitfasslu biex jippromwovu tkabbir ekonomiku sostenibbli ulterjuri tal-pajjiżi benefiċjarji u, b'hekk, jirrispondu b'mod pożittiv għall-ħtieġa ta' żvilupp sostenibbli. Skont is-SĠP+, jenħtieġ li t-tariffi *ad valorem*, għalhekk, ikunu sospiżi għall-pajjiżi benefiċjarji konċernati. Jenħtieġ li jiġu sospiżi wkoll id-dazji speċifiċi, sakemm ma jkunux magħqudin ma' dazju *ad valorem*.

(16) Jenħtieġ li l-pajjiżi li jissodisfaw il-kriterji ta' eliġibbiltà għas-SĠP+ ikunu jistgħu jibbenefikaw mill-preferenzi tariffarji addizzjonali jekk, meta jagħmlu t-talba tagħhom, il-Kummissjoni tiddetermina li l-kundizzjonijiet rilevanti jkunu milħuqa.

(17) Jenħtieġ li l-pajjiżi li fil-31 ta' Diċembru 2026, huma pajjiżi benefiċjarji tal-SĠP+ skont ir-Regolament (UE) Nru 978/2012, kif stabbilit fl-Anness III ta' dak ir-Regolament, u jixtiequ jkomplu jibbenefikaw mis-SĠP+ jippreżentaw talba ġdida sal-31 ta' Diċembru 2028, f'konformità mal-kriterji ta' eliġibbiltà deskritti f'dan ir-Regolament. Madankollu, sabiex tiġi żgurata l-kontinwità u ċ-ċertezza legali għall-operaturi ekonomiċi, il-preferenzi tariffarji skont is-SĠP+ previsti fir-Regolament (UE) Nru 978/2012 għal dawk il-pajjiżi jenħtieġ li jinżammu matul il-perjodu li fih tiġi vvalutata t-talba tagħhom. Dak il-perjodu tranżitorju huwa maħsub biex jagħti lil dawk il-pajjiżi benefiċjarji tas-SĠP+ biżżejjed żmien biex iħejju t-talba tagħhom biex jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' kundizzjonalità kif riveduti skont dan ir-Regolament u sadanittant iżommu l-aċċess preferenzjali tas-SĠP+ previst fir-Regolament (UE) Nru 978/2012. Talbiet għal assistenza teknika u finanzjarja minn pajjiżi rikjedenti relatati mar-ratifika u l-implimentazzjoni tal-konvenzjonijiet rilevanti jistgħu jiġu eżaminati b'mod favorevoli.

(18) Jenħtieġ li l-Kummissjoni, u fejn xieraq, is-SEAE, jimmonitorjaw l-istat tar-ratifika tal-konvenzjonijiet rilevanti u l-implimentazzjoni effettiva tagħhom, billi jeżaminaw l-informazzjoni rilevanti, b'mod partikolari, il-konklużjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet tal-korpi ta' monitoraġġ rilevanti stabbiliti skont il-konvenzjonijiet rilevanti, fejn disponibbli, u billi jeżaminaw l-implimentazzjoni tal-pjan ta' azzjoni propost li jħares 'il quddiem u orjentat lejn il-prijoritajiet u ta' missjonijiet regolari fuq il-post, kif ukoll il-kontribut tal-partijiet ikkonċernati rilevanti, inklużi l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u d-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, fil-pajjiżi benefiċjarji. Kull tliet snin, jenħtieġ li l-Kummissjoni tippreżenta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill rapport dwar l-istat tar-ratifika tal-konvenzjonijiet rilevanti, il-konformità tal-pajjiżi benefiċjarji ma' kull obbligu ta' rapportar skont dawk il-konvenzjonijiet rilevanti, u l-istat tal-implimentazzjoni ta' dawk il-konvenzjonijiet rilevanti fil-prattika. Jenħtieġ li dak ir-rapport jinkludi rakkomandazzjonijiet u prijoritajiet fil-każ ta' tħassib speċifiku dwar l-implimentazzjoni effettiva tal-konvenzjonijiet rilevanti.

(19) Jenħtieġ li s-soċjetà ċivili u partijiet ikkonċernati rilevanti oħra jiġu kkonsultati matul iċ-ċiklu ta' monitoraġġ, u jenħtieġ li l-informazzjoni li jippreżentaw titqies b'mod dovut, fejn xieraq.

(20) F'Lulju 2020, il-Kummissjoni ħatret lill-Uffiċjal Kap tal-Infurzar għall-Kummerċ, li r-rwol tiegħu huwa li jinforza r-regoli kummerċjali fl-UE u mas-sħab kummerċjali tagħha. B'rabta ma' dik il-ħatra, f'Novembru 2020, il-Kummissjoni nediet mekkaniżmu ġdid tal-ilmenti, il-Punt ta' Dħul Uniku (SEP, Single Entry Point), bħala parti miż-żieda fl-isforzi tagħha biex issaħħaħ l-implimentazzjoni u l-infurzar tal-impenji kummerċjali. Permezz tas-SEP, il-Kummissjoni tirċievi lmenti dwar diversi kwistjonijiet relatati mal-politika kummerċjali, inkluż ksur tal-impenji tas-SĠP. Is-SEP jipprovdi gwida xierqa għall-preżentazzjoni tal-ilmenti u tiżgura l-kunfidenzjalità tal-ilmenti. Jenħtieġ li din is-sistema ġdida ta' lmenti tiġi integrata fi ħdan il-qafas ta' dan ir-Regolament.

(21) Għall-finijiet tal-monitoraġġ u l-implimentazzjoni u, meta applikabbli, l-irtirar ta' preferenzi tariffarji, ir-rapporti mill-korpi ta' monitoraġġ rilevanti huma essenzjali. Madankollu, jenħtieġ li jkun possibbli li tali rapporti jiġu ssupplimentati b'informazzjoni oħra disponibbli għall-Kummissjoni, inkluża informazzjoni miksuba skont programmi ta' assistenza bilaterali jew multilaterali, u permezz ta' sorsi oħra ta' informazzjoni, dment li jkunu preċiżi u affidabbli. Dawn jistgħu jinkludu informazzjoni mill-istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċċji jew l-aġenziji tal-Unjoni, gvernijiet, organizzazzjonijiet internazzjonali, is-soċjetà ċivili, is-sħab soċjali, jew tilwim riċevut permezz tas-SEP, dment li jissodisfaw ir-rekwiżiti rilevanti. Nuqqasijiet identifikati matul il-proċess ta' monitoraġġ jistgħu jinfurmaw l-ipprogrammar futur tal-għajnuna għall-iżvilupp tal-Kummissjoni b'mod aktar immirat.

(22) Filwaqt li tqis l-importanza tal-kontribuzzjonijiet tas-soċjetà ċivili, jenħtieġ li l-Kummissjoni tfittex il-fehmiet tas-soċjetà ċivili, b'mod partikolari meta teżamina talba tas-SĠP+, matul il-monitoraġġ u l-valutazzjoni tal-implimentazzjoni tal-impenn vinkolanti mill-pajjiżi benefiċjarji tas-SĠP+, inkluż flimkien ma' missjonijiet ta' monitoraġġ, matul involviment imsaħħaħ, u matul it-tħejjija tar-rapport dwar l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament.

(23) Jenħtieġ li l-KMA tkompli tagħti aċċess mingħajr dazji għas-suq tal-Unjoni għal prodotti li joriġinaw mill-pajjiżi l-anqas żviluppati, kif iddeżinjati min-NU, ħlief għall-kummerċ fl-armi. Għal pajjiż li ma jkunx iddeżinjat aktar min-NU bħala pajjiż l-anqas żviluppat, jenħtieġ li jkun stabbilit perjodu ta' tranżizzjoni biex jittaffa kull effett ħażin ikkawżat mit-tneħħija tal-preferenzi tariffarji mogħtija skont il-KMA. Jenħtieġ li l-preferenzi tariffarji pprovduti skont il-KMA jkomplu jibqgħu jingħataw għal dawk il-pajjiżi l-anqas żviluppati li jibbenefikaw minn arranġament preferenzjali ieħor għal aċċess għas-suq mal-Unjoni.

(24) Fir-rigward tas-SĠP standard, jenħtieġ li jinżamm id-divrenzjar bejn preferenzi tariffarji għal prodotti mhux sensittivi u preferenzi tariffarji għal prodotti sensittivi, biex titqies is-sitwazzjoni tas-setturi li jimmanifatturaw l-istess prodotti fl-Unjoni.

(25) Jenħtieġ li d-dazji tat-Tariffa Doganali Komuni fuq prodotti mhux sensittivi jkomplu jiġu sospiżi, filwaqt li jenħtieġ li japplika tnaqqis ta' tariffi fir-rigward ta' dazji fuq prodotti sensittivi, sabiex tkun żgurata rata ta' użu sodisfaċenti filwaqt li fl-istess ħin titqies il-qagħda tal-industriji korrispondenti tal-Unjoni.

(26) Jenħtieġ li dan it-tip ta' tnaqqis tariffarju jkun attraenti biżżejjed sabiex jimmotiva lill-kummerċjanti biex jużaw l-opportunitajiet offruti mis-SĠP. Għaldaqstant, jenħtieġ li d-dazji *ad valorem* ġeneralment jitnaqqsu b'rata fissa ta' 3,5 punti perċentwali mir-rata ta' dazji tan-"nazzjon l-aktar iffavorit", filwaqt li jenħtieġ li dazji bħal dawn għal tessuti u għal prodotti tat-tessuti jitnaqqsu b'20 %. Jenħtieġ li dazji speċifiċi jitnaqqsu bi 30 %. Meta dazju minimu jkun speċifikat, jenħtieġ li dak id-dazju minimu ma jkunx japplika.

(27) Jenħtieġ li d-dazji jkunu sospiżi kollha fil-każijiet meta t-trattament preferenzjali għal dikjarazzjoni ta' importazzjoni individwali tirriżulta f'dazju *ad valorem* ta' 1 % jew anqas jew f'dazju speċifiku ta' EUR 2 jew anqas, billi l-kost biex jinġabru dawn id-dazji tista' tkun ogħla mid-dħul miksub.

(28) Jenħtieġ li l-gradwazzjoni tal-prodotti tkun ibbażata fuq kriterji relatati ma' taqsimiet u kapitoli tat-Tariffa Doganali Komuni. Jenħtieġ li l-gradwazzjoni tal-prodotti tapplika fir-rigward ta' taqsima jew subtaqsima sabiex jitnaqqsu każijiet fejn prodotti eteroġeni jkunu gradwati. Jenħtieġ li l-gradwazzjoni ta' taqsima jew ta' subtaqsima, magħmulin minn kapitoli, għal pajjiż benefiċjarju tkun applikata meta t-taqsima tissodisfa l-kriterji għal gradwazzjoni tul tliet snin konsekuttivi, sabiex il-gradwazzjoni tkun aktar prevedibbli u ġusta billi jkun eliminat l-effett ta' varjazzjonijiet kbar u eċċezzjonali fl-istatistika tal-importazzjoni. Jenħtieġ li l-gradwazzjoni tal-prodotti ma tapplikax għall-pajjiżi benefiċjarji tas-SĠP+ u għall-pajjiżi benefiċjarji tal-KMA billi dawn għandhom profil ekonomiku simili ħafna li jagħmilhom vulnerabbli minħabba bażi ta' esportazzjoni baxxa u mhux diversifikata.

(29) Il-preferenzi tariffarji previsti f'dan ir-Regolament jenħtieġ li japplikaw għal prodotti li joriġinaw fil-pajjiżi benefiċjarji f'konformità mar-regoli tal-oriġini stipulati fir-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([5]) u l-atti legali adottati f'konformità mas-setgħat mogħtija minn dak ir-Regolament, b'mod partikolari r-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2015/2446 ([6]) u r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2447 ([7]). Jenħtieġ li tingħata l-akkumulazzjoni bejn il-pajjiżi ta' gruppi reġjonali differenti u l-akkumulazzjoni estiża skont ir-Regolament Delegat (UE) 2015/2446 dment li l-pajjiż benefiċjarju rikjedenti jkollu evidenza suffiċjenti li l-akkumulazzjoni tirrispondi għall-ħtiġijiet tiegħu għall-iżvilupp, il-finanzjament u l-kummerċ, u b'hekk twassal, inter alia, għal tkabbir ekonomiku, il-qerda tal-faqar, id-diversifikazzjoni tal-esportazzjonijiet u l-industrijalizzazzjoni, u dment li ma jkollhiex impatt negattiv fuq is-sitwazzjoni ta' pajjiżi oħra, speċjalment il-pajjiżi benefiċjarji tal-KMA. Meta tivvaluta jekk l-għoti tal-akkumulazzjoni tirrispondix għall-ħtiġijiet tal-pajjiż rikjedenti għall-iżvilupp, il-finanzjament u l-kummerċ, jenħtieġ li l-Kummissjoni tqis id-dipendenza tal-pajjiż benefiċjarju fuq il-pajjiż fornitur u l-perspettivi futuri fir-rigward tal-prodotti inkwistjoni.

(30) Fil-każ ta' nuqqasijiet fl-implimentazzjoni tal-prinċipji stipulati fil-konvenzjonijiet rilevanti, inklużi ċerti prinċipji ta' liġi umanitarja internazzjonali, sabiex jiġu promossi l-objettivi tat-tali konvenzjonijiet rilevanti, u meta dan ikun ta' benefiċċju, jenħtieġ li l-Kummissjoni tiddaħol f'involviment imsaħħaħ mal-pajjiż benefiċjarju biex tindirizza s-sitwazzjoni. F'każijiet ta' ksur serju u sistematiku tal-prinċipji stabbiliti fil-konvenzjonijiet rilevanti u, jekk applikabbli, meta d-djalogu mal-pajjiż benefiċjarju ma jwassalx għal titjib tas-sitwazzjoni, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tirtira l-preferenzi tariffarji mill-pajjiż benefiċjarju. Jenħtieġ li preferenzi tariffarji skont is-SĠP+ ikunu rtirati temporanjament jekk il-pajjiż benefiċjarju ma jikkonformax mal-impenn obbligatorju tiegħu li jżomm ir-ratifika u l-implimentazzjoni effettiva tal-konvenzjonijiet rilevanti jew li jkun konformi mar-rekwiżiti ta' rapportar imposti mill-konvenzjonijiet rilevanti rispettivi, jew jekk il-pajjiż benefiċjarju ma jikkooperax fi ħdan il-qafas tal-proċeduri ta' monitoraġġ tal-Unjoni kif stabbiliti f'dan ir-Regolament. Jenħtieġ li l-irtirar temporanju jkompli sakemm ma jibqgħux japplikaw ir-raġunijiet li jiġġustifikawħ. F'sitwazzjonijiet ikkaratterizzati minn gravità eċċezzjonali tal-ksur, jenħtieġ li l-Kummissjoni jkollha s-setgħa li tirrispondi b'mod rapidu billi tadotta miżuri fi żmien iqsar. Taħt l-approċċ ta' tolleranza żero tal-Unjoni għat-tħaddim tat-tfal, jenħtieġ li r-raġunijiet għal irtirar temporanju jinkludu esportazzjonijiet ta' merkanzija li ssir minn tħaddim tat-tfal ipprojbit internazzjonalment, kif ukoll xogħol furzat inkluż l-iskjavitù u x-xogħol fil-ħabsijiet, kif identifikat fil-konvenzjonijiet rilevanti. Madankollu, il-qerda tat-tħaddim tat-tfal hija proċess li jieħu żmien twil, speċjalment fil-pajjiżi fejn mhumiex disponibbli kundizzjonijiet tax-xogħol deċenti, skola b'xejn jew xibka ta' sikurezza soċjali. F'dak il-kuntest, jenħtieġ li l-Kummissjoni tkun tista' tqis jekk il-pajjiż benefiċjarju jkunx adotta politiki bl-għan li jitnaqqas it-tħaddim tat-tfal u jekk il-monitoraġġ tiegħu jurix progress u azzjonijiet konkreti lejn konformità sħiħa mal-konvenzjonijiet rilevanti. Jenħtieġ li l-irtirar temporanju tal-arranġamenti preferenzjali previsti f'dan ir-Regolament jitqies bħala l-aħħar għażla.

(31) L-Aġenda 2030 tan-NU fl-Għan ta' Żvilupp Sostenibbli 10, il-Mira 7, tagħha, tappella biex jiġu ffaċilitati l-migrazzjoni u l-mobbiltà ordnati, sikuri u responsabbli tal-persuni, inkluż permezz tal-implimentazzjoni ta' politiki tal-migrazzjoni ppjanati u ġestiti tajjeb. Dawk il-politiki jistgħu jikkontribwixxu b'mod pożittiv għat-tkabbir inklużiv u l-iżvilupp sostenibbli. F'dak ir-rigward, huwa essenzjali li kemm il-pajjiżi tal-oriġini kif ukoll dawk tad-destinazzjoni jindirizzaw sfidi komuni, bħaż-żieda tal-kooperazzjoni dwar ir-riammissjoni ta' ċittadini proprji u r-riintegrazzjoni sostenibbli tagħhom fil-pajjiż tal-oriġini, b'rispett sħiħ għall-istandards internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem.

(32) Il-politika tal-Unjoni dwar ir-ritorn u r-riammissjoni tirrispetta bis-sħiħ il-prinċipju ta' non-refoulement u titwettaq f'konformità mal-prinċipji internazzjonali fundamentali tad-drittijiet tal-bniedem. Ir-ritorn volontarju jibqa' element kruċjali tas-sistema komuni tal-Unjoni għar-ritorni, li toffri r-ritorn uman, effettiv u sostenibbli tal-migranti irregolari. Il-politika tal-Unjoni dwar il-migrazzjoni tappoġġa wkoll it-titjib tar-riintegrazzjoni sostenibbli u l-bini tal-kapaċità fil-pajjiżi sħab, li, min-naħa tagħhom, jistgħu jsaħħu b'mod sinifikanti l-iżvilupp lokali f'dawk il-pajjiżi.

([5]) Ir-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Ottubru 2013 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (ĠU L 269, 10.10.2013, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2013/952/oj).

([6]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2015/2446 tat-28 ta' Lulju 2015 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' regoli dettaljati li jikkonċernaw uħud mid-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (ĠU L 343, 29.12.2015, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2015/2446/oj).

([7]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2447 tal-24 ta' Novembru 2015 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni, (ĠU L 343, 29.12.2015, p. 558, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2015/2447/oj).

(33) Ir-ritorn, ir-riammissjoni u r-riintegrazzjoni huma sfida komuni għall-Unjoni u s-sħab tagħha. B'mod partikolari, kull stat għandu l-obbligu skont il-dritt konswetudinarju internazzjonali li jaċċetta mill-ġdid iċ-ċittadini proprji tiegħu, li jkunu qegħdin joqogħdu illegalment fit-territorju ta' stat ieħor. Konvenzjonijiet internazzjonali multilaterali, bħall-Konvenzjoni dwar l-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali ffirmata f'Chicago fis-7 ta' Diċembru 1944, jirreferu wkoll għall-obbligu tal-istati li jdaħħlu fit-territorju tagħhom liċ-ċittadini tagħhom li jkunu ġew deportati mit-territorju ta' stat ieħor. Dak l-approċċ u l-azzjonijiet rilevanti jenħtieġ li jiġu implimentati f'konformità mal-prinċipji internazzjonali fundamentali tad-drittijiet tal-bniedem.

(34) L-irtirar temporanju tal-arranġamenti preferenzjali għal nuqqasijiet serji u sistematiċi ta' pajjiż benefiċjarju fir-rigward tal-obbligu ta' riammissjoni taċ-ċittadini proprji tiegħu jenħtieġ li jiġi kkunsidrat biss fir-rigward tal-pajjiżi benefiċjarji: li l-Kummissjoni tqis, skont l-Artikolu 25a tar-Regolament (KE) Nru 810/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([8]) (il-"Kodiċi dwar il-Viżi"), li mhumiex qed jikkooperaw biżżejjed dwar ir-riammissjoni; li għalihom ġew proposti miżuri fil-qasam tal-politika dwar il-viżi f'konformità mal-Artikolu 25a(5), il-punt (a), tal-Kodiċi dwar il-Viżi; u li għalihom, wara perjodu ta' involviment imsaħħaħ iddedikat, il-Kummissjoni tqis li għad hemm livell insuffiċjenti ta' kooperazzjoni dwar ir-riammissjoni.

(35) Fid-dawl tas-sitwazzjoni speċifika tagħhom, is-sitwazzjoni soċjoekonomika tagħhom, il-livelli ta' żvilupp tagħhom u r-restrizzjonijiet tal-kapaċità tagħhom, jenħtieġ li l-pajjiżi benefiċjarji tal-KMA jibbenefikaw minn perjodu tranżitorju addizzjonali ta' 24 xahar qabel il-possibbiltà li jirtiraw temporanjament l-arranġamenti preferenzjali għal nuqqasijiet serji u sistematiċi fir-rigward tal-obbligu ta' riammissjoni taċ-ċittadini proprji tagħhom tapplika għal dawk il-pajjiżi. Barra minn hekk, l-irtirar tal-arranġamenti preferenzjali skont il-KMA jenħtieġ li jkun possibbli biss meta tippersisti kooperazzjoni insuffiċjenti dwar ir-riammissjoni wara l-adozzjoni ta' miżuri skont l-Artikolu 25a(5), il-punt (a), tal-Kodiċi dwar il-Viżi.

(36) Sabiex tivvaluta l-eżistenza ta' nuqqasijiet serji u sistematiċi relatati mal-obbligu ta' riammissjoni taċ-ċittadini tal-pajjiż benefiċjarju, jenħtieġ li l-Kummissjoni tibbaża fuq elementi rilevanti u oġġettivi kif stabbilit fl-Artikolu 25a(2) tal-Kodiċi dwar il-Viżi, inkluża data affidabbli pprovduta mill-Istati Membri, kif ukoll mill-istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-Unjoni. Meta tikkunsidra rtirar temporanju tal-arranġamenti preferenzjali marbuta ma' nuqqasijiet serji u sistematiċi relatati mal-obbligu ta' riammissjoni taċ-ċittadini tal-pajjiż benefiċjarju, jenħtieġ li l-Kummissjoni tqis il-miżuri kollha meħuda biex tittejjeb il-kooperazzjoni ta' dak il-pajjiż benefiċjarju dwar ir-riammissjoni.

(37) Skont ir-Regolament (UE) Nru 978/2012 u l-predeċessuri tiegħu, l-arranġamenti preferenzjali ġew irtirati fir-rigward tal-importazzjonijiet ta' prodotti li joriġinaw mill-Belarussja (irtirar sħiħ) u l-Kambodja (irtirar parzjali) minħabba ksur serju u sistematiku tal-prinċipji tal-konvenzjonijiet rilevanti. Peress li r-raġunijiet li jiġġustifikaw l-irtirar tal-arranġamenti preferenzjali għadhom validi, jenħtieġ li l-irtirar temporanju tal-arranġamenti preferenzjali għall-Belarussja u għall-Kambodja jinżamm taħt dan ir-Regolament.

(38) Meta l-importazzjonijiet ta' prodott partikolari taħt kwalunkwe wieħed mill-arranġamenti preferenzjali koperti minn dan ir-Regolament jikkawżaw, jew jheddu li jikkawżaw, diffikultajiet serji lill-produtturi tal-Unjoni kkonċernati, jenħtieġ li jkun possibbli li jerġgħu jiġu introdotti kompletament jew parzjalment id-dazji normali tat-Tariffa Doganali Komuni fuq dak il-prodott. Fil-valutazzjoni tal-eżistenza ta' diffikultajiet serji tal-produtturi tal-Unjoni kkonċernati, l-impatt ta' dawk l-importazzjonijiet fuq is-settur kollu kemm hu, inkluża l-produzzjoni ta' prodotti upstream jew downstream, jista' jkun rilevanti wkoll. Dan jista' jkun partikolarment rilevanti fis-settur agrikolu jew meta jkunu involuti għadd kbir ta' intrapriżi żgħar u ta' daqs medju. Is-salvagwardji skont dan ir-Regolament ma jiddevjawx mid-dazji normali tat-Tariffa Doganali Komuni. Għall-kuntrarju, dan ir-Regolament jerġa' jdaħħal temporanjament l-applikazzjoni tat-Tariffi Doganali Komuni fir-relazzjonijiet kummerċjali ma' pajjiż partikolari billi jneħħi l-benefiċċji speċjali mogħtija unilateralment mill-Unjoni. Is-salvagwardji skont dan ir-Regolament ma jikkostitwixxux strument għad-difiża tal-kummerċ jew miżura ta' salvagwardja skont it-tifsira tar-Regolamenti (UE) 2015/478 ([9]) u (UE) 2015/755 ([10]) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u lanqas miżura ta' salvagwardja skont it-tifsira tal-Ftehim tad-WTO dwar is-Salvagwardji, li jistabbilixxi r-regoli għall-applikazzjoni tal-miżuri ta' salvagwardja skont l-Artikolu XIX tal-GATT 1994. Huwa xieraq li investigazzjoni ta' salvagwardja tkun tista' tinbeda abbażi ta' talba minn Stat Membru, minn kwalunkwe persuna ġuridika jew kwalunkwe assoċjazzjoni li ma jkollhiex personalità ġuridika, li taġixxi f'isem il-produtturi tal-Unjoni, jew fuq inizjattiva proprja tal-Kummissjoni.

([8]) Ir-Regolament (KE) Nru 810/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 li jistabbilixxi Kodiċi Komunitarju dwar il-Viżi (Kodiċi dwar il-Viżi) (ĠU L 243, 15.9.2009, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2009/810/oj).

([9]) Ir-Regolament (UE) 2015/478 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2015 dwar ir-regoli komuni għall-importazzjonijiet (ĠU L 83, 27.3.2015, p. 16, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2015/478/oj).

([10]) Ir-Regolament (UE) 2015/755 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2015 dwar regoli komuni għall-importazzjonijiet minn ċerti pajjiżi terzi (ĠU L 123, 19.5.2015, p. 33, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2015/755/oj).

(39) Filwaqt li jitqiesu l-isfidi speċifiċi li jiffaċċjaw il-produtturi tar-ross tal-Unjoni, huwa xieraq li jiġi introdott mekkaniżmu prevedibbli li jwassal għall-applikazzjoni awtomatika ta' mekkaniżmu ta' kwota tariffarja. Jenħtieġ li l-mekkaniżmu awtomatiku jipproteġi l-vijabbiltà tas-settur tar-ross tal-Unjoni filwaqt li jiggarantixxi benefiċċji sinifikanti għall-pajjiżi l-anqas żviluppati skont dan ir-Regolament. Dan il-mekkaniżmu mmirat għar-ross jikkomplementa l-istrumenti l-oħra ta' salvagwardja previsti f'dan ir-Regolament, li jibqgħu disponibbli b'mod ugwali għal dak is-settur. Jenħtieġ li l-mekkaniżmu jindirizza sitwazzjonijiet ta' pressjoni eċċezzjonali fuq is-suq billi jerġa' jdaħħal it-tariffi tan-nazzjon l-aktar iffavorit minnufih u jillimita l-importazzjonijiet preferenzjali permezz ta' kwota tariffarja matul is-sena ta' wara hekk kif il-volumi tal-importazzjonijiet ta' prodotti tar-ross speċifikati jaqbżu l-limiti stabbiliti b'aktar minn 45 %. Il-limiti huma ddeterminati fuq bażi ta' pajjiż b'pajjiż bħala l-medja aritmetika tal-volumi annwali tal-importazzjonijiet tal-Unjoni li joriġinaw f'pajjiż benefiċjarju matul l-10 snin kalendarji ta' qabel is-sena tal-kalkolu. Għall-finijiet ta' ċertezza legali u prevedibbiltà, il-volumi applikabbli matul l-ewwel sena tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament jenħtieġ li jiġu kkalkulati billi jitqies il-perjodu ta' referenza mill-1 ta' Jannar 2015 sal-31 ta' Diċembru 2024. Għall-2027, il-limiti li jirriżultaw huma 216 047 tunnellata għall-Kambodja u 171 862 tunnellata għall-Myanmar. L-importazzjonijiet tal-prodotti tar-ross ikkonċernati minn pajjiżi benefiċjarji oħra matul dak il-perjodu ta' referenza ma qabżux il-limitu ta' 6 % tal-importazzjonijiet totali tal-Unjoni stabbiliti f'dan ir-Regolament. Wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li l-limiti jiġu riveduti kull sena għas-sena ta' wara.

(40) Sabiex jinkiseb bilanċ bejn il-ħtieġa li jkun hemm mira aħjar, koerenza u trasparenza akbar minn naħa waħda, u promozzjoni aħjar ta' żvilupp sostenibbli u governanza tajba permezz ta' skema ta' preferenza kummerċjali unilaterali min-naħa l-oħra, jenħtieġ li tiġi delegata lill-Kummissjoni s-setgħa li tadotta atti skont l-Artikolu 290 tat-TFUE fir-rigward ta' emendi tal-Annessi ta' dan ir-Regolament, li tiddeċiedi dwar irtirar temporanju tal-preferenzi tariffarji, li tħassar irtirar temporanju, li tipposponi d-data tal-applikazzjoni ta' rtirar temporanju, jew timmodifika l-kamp ta' applikazzjoni tiegħu. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul ix-xogħol tagħha ta' tħejjija, anke fil-livell ta' esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jiġu mwettqa f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet ([11]). B'mod partikolari, biex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi tal-esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta'atti delegati.

(41) Sabiex ikunu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li jingħataw setgħat ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni. Jenħtieġ li dawk is-setgħat ikunu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([12]).

(42) Jenħtieġ li l-proċedura konsultattiva tintuża għall-adozzjoni ta' atti ta' implimentazzjoni dwar l-irtirar jew is-sospensjoni mill-preferenzi tariffarji ta' ċerti taqsimiet tas-SĠP fir-rigward ta' pajjiżi benefiċjarji u dwar il-bidu ta' proċedura ta' rtirar temporanju, billi titqies ix-xorta u l-impatt ta' dawk l-atti. Fid-dawl tal-livelli ta' żvilupp tal-pajjiżi benefiċjarji tal-KMA, jenħtieġ li l-proċedura ta' eżami tintuża għall-adozzjoni ta' atti ta' implimentazzjoni dwar il-bidu ta' proċedura ta' rtirar temporanju għal dawk il-pajjiżi għal raġunijiet ta' nuqqasijiet serji u sistematiċi fir-rigward tal-obbligu tagħhom ta' riammissjoni taċ-ċittadini tagħhom stess.

(43) Jenħtieġ li l-proċedura ta' eżami tintuża għall-adozzjoni ta' atti ta' implimentazzjoni dwar investigazzjonijiet ta' salvagwardja u dwar is-sospensjoni tal-preferenzi tariffarji fejn l-importazzjonijiet jistgħu jikkawżaw tfixkil jew tfixkil serju fis-swieq tal-Unjoni.

([11]) ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/agree_interinstit/2016/512/oj.

([12]) Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2011/182/oj).

(44) Sabiex ikunu żgurati l-integrità u l-funzjonament ordinat tas-SĠP, jenħtieġ li l-Kummissjoni tadotta atti ta' implimentazzjoni applikabbli minnufih fejn, f'każijiet debitament ġustifikati marbuta mal-irtirar temporanju dovut għal nonkonformità ma' proċeduri u obbligi relatati mad-dwana, dan ikun meħtieġ għal raġunijiet imperattivi ta' urġenza.

(45) Sabiex ikun ipprovdut qafas stabbli għall-operaturi ekonomiċi, qabel it-tmiem tal-perjodu massimu ta' sitt xhur, jenħtieġ li l-Kummissjoni tadotta atti ta' implimentazzjoni applikabbli minnufih fejn, f'każijiet debitament ġustifikati marbuta mat-tmiem jew l-estensjoni tal-irtirar temporanju dovut għal nonkonformità ma' proċeduri u obbligi relatati mad-dwana, dan ikun meħtieġ għal raġunijiet imperattivi ta' urġenza.

(46) Jenħtieġ li l-Kummissjoni tadotta atti ta' implimentazzjoni applikabbli minnufih ukoll fejn, f'każijiet debitament ġustifikati marbuta ma' investigazzjonijiet ta' salvagwardja, dan ikun meħtieġ għal raġunijiet imperattivi ta' urġenza relatati mad-deterjorament tas-sitwazzjoni ekonomika jew finanzjarja tal-produtturi tal-Unjoni li jkun diffiċli li jissewwa.

(47) Jenħtieġ li l-Kummissjoni tirrapporta regolarment lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-effetti tas-SĠP permezz tal-kumitati istituzzjonali rilevanti.

(48) Meta timplimenta dan ir-Regolament, jenħtieġ li l-Kummissjoni tipprovdi lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill b'informazzjoni f'waqtha dwar passi proċedurali importanti, bħall-adeżjoni għas-SĠP+, l-impatti fuq il-pajjiżi l-anqas żviluppati li jiggradwaw mill-KMA, il-bidu ta' proċedura ta' rtirar temporanju, investigazzjoni ta' salvagwardji jew bidla fil-kodiċijiet tan-Nomenklatura Magħquda stabbiliti f'dan ir-Regolament, li jistabbilixxu liema prodotti jistgħu jkunu soġġetti għal salvagwardja speċjali. Jenħtieġ li l-Kummissjoni żżomm ukoll lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill infurmati dwar attivitajiet ta' involviment imsaħħaħ, inkluż l-eżitu tal-missjonijiet ta' monitoraġġ fil-pajjiżi benefiċjarji tas-SĠP+, u dwar il-bidu u r-riżultati ta' involviment imsaħħaħ iddedikat mal-pajjiż benefiċjarju kkonċernat imwettaq sabiex jittejjeb il-livell ta' kooperazzjoni ta' dak il-pajjiż benefiċjarju fir-rigward tal-obbligu internazzjonali ta' riammissjoni taċ-ċittadini proprji ta' dak il-pajjiż benefiċjarju. Sabiex tiġi żgurata l-konsistenza bejn l-objettivi ta' politika involuti, jenħtieġ li l-Kummissjoni tinforma lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill meta tiddeċiedi li tirtira temporanjament l-arranġamenti preferenzjali minn pajjiż benefiċjarju fil-każ ta' nuqqasijiet serji u sistematiċi relatati mal-obbligu internazzjonali ta' riammissjoni taċ-ċittadini proprji ta' dak il-pajjiż benefiċjarju. Jenħtieġ li l-Kummissjoni, b'mod partikolari, tipprovdi l-informazzjoni rilevanti inkluża fir-rapporti u l-valutazzjonijiet imwettqa fil-kuntest tal-applikazzjoni tal-Artikolu 25a tal-Kodiċi dwar il-Viżi fir-rigward tal-pajjiż benefiċjarju kkonċernat. Sabiex jiġi ssostanzjat l-użu tal-kundizzjonalità tar-riammissjoni, jenħtieġ li l-Kummissjoni tipprovdi data xierqa dwar ix-xejriet tar-riammissjoni fir-rigward tal-pajjiż benefiċjarju kkonċernat. Meta jkun meħtieġ, jenħtieġ li jiġu applikati l-proċeduri għat-trażmissjoni ta' informazzjoni kunfidenzjali.

(49) Sal-1 ta' Jannar 2033, jenħtieġ li l-Kummissjoni tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-applikazzjoni ta' nofs it-terminu ta' dan ir-Regolament u tivvaluta l-ħtieġa li tiġi rieżaminata s-SĠP. Dak ir-rapport huwa meħtieġ biex janalizza l-impatt tas-SĠP fuq il-ħtiġijiet tal-iżvilupp, il-kummerċ u l-finanzi tal-pajjiżi benefiċjarji kif ukoll fuq il-kummerċ bilaterali u fuq id-dħul tariffarju tal-Unjoni, b'attenzjoni partikolari għall-Aġenda 2030 tan-NU. Jenħtieġ li tingħata attenzjoni speċjali lill-pajjiżi l-anqas żviluppati li jiggradwaw mill-KMA, u lil kwalunkwe żvilupp rilevanti li jikkonċerna l-kundizzjonalitajiet, b'mod partikolari fir-rigward tad-drittijiet fundamentali fuq il-post tax-xogħol u l-lista ta' konvenzjonijiet rilevanti. Jistgħu jiġu kkunsidrati wkoll żviluppi rilevanti, b'mod partikolari fid-WTO, dwar l-iffaċilitar u l-promozzjoni tal-kummerċ fi prodotti u servizzi li jgħinu biex jintlaħqu l-għanijiet ambjentali u klimatiċi.

(50) Għalhekk, ir-Regolament (UE) Nru 978/2012 jenħtieġ li jitħassar,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

KAPITOLU I

Dispożizzjonijiet ġenerali

Artikolu 1

1. L-iskema ġeneralizzata ta' preferenzi tariffarji (SĠP), li permezz tagħha l-Unjoni tipprovdi aċċess preferenzjali għas-suq tagħha, għandha tapplika f'konformità ma' dan ir-Regolament.

2. Dan ir-Regolament jipprevedi l-arranġamenti preferenzjali li ġejjin skont is-SĠP:

(a) arranġament standard ("SĠP standard");

(b) arranġament speċjali ta' inċentivi għal żvilupp sostenibbli u governanza tajba (SĠP+);

(c) arranġament speċjali għall-pajjiżi l-anqas żviluppati (Kollox Minbarra Armi (KMA)).

Artikolu 2

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(1) "pajjiżi" tfisser pajjiżi u territorji li għandhom amministrazzjoni doganali;

(2) "pajjiżi l-anqas żviluppati" tfisser il-pajjiżi l-anqas żviluppati indikati bħala tali min-NU;

(3) "pajjiżi benefiċjarji" tfisser pajjiżi li jibbenefikaw minn kwalunkwe arranġamenti preferenzjali skont is-SĠP;

(4) "pajjiżi benefiċjarji tas-SĠP standard" tfisser pajjiżi li jibbenefikaw mis-SĠP standard kif elenkati fl-Anness I u identifikati bħala tali fil-kolonna C tiegħu;

(5) "pajjiżi benefiċjarji tas-SĠP+" tfisser pajjiżi li jibbenefikaw mis-SĠP+ kif elenkati fl-Anness I u identifikati bħala tali fil-kolonna C tiegħu;

(6) "pajjiżi benefiċjarji tal-KMA" tfisser pajjiżi li jibbenefikaw mill-KMA kif elenkati fl-Anness I u identifikati bħala tali fil-kolonna C tiegħu;

(7) "dazji tat-Tariffa Doganali Komuni" tfisser id-dazji doganali speċifikati fit-Tieni Parti tal-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 ([13]), ħlief dawk id-dazji stabbiliti bħala parti minn kwoti tariffarji;

(8) "taqsima tas-SĠP" tfisser taqsima elenkata fl-Annessi III u VII u stabbilita abbażi tat-taqsimiet u l-kapitoli tat-Tariffa Doganali Komuni;

(9) "arranġament preferenzjali għal aċċess għas-suq" tfisser aċċess preferenzjali għas-suq tal-Unjoni permezz ta' ftehim kummerċjali, applikat b'mod proviżorju jew fis-seħħ, jew permezz ta' preferenzi awtonomi mogħtija mill-Unjoni;

(10) "pjan ta' azzjoni" tfisser lista ta' miżuri pprovduti minn pajjiż li jitlob SĠP+ biex jimplementa b'mod effettiv il-konvenzjonijiet rilevanti;

([13]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana (ĠU L 256, 7.9.1987, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/1987/2658/oj).

(11) "involviment imsaħħaħ" tfisser proċess kontinwu li għandu l-għan li jiffaċilita u jinċentiva lill-pajjiżi benefiċjarji biex jagħmlu progress fl-implimentazzjoni tal-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan ir-Regolament, jew biex jindirizzaw in-nuqqasijiet fir-rispett tal-prinċipji tal-konvenzjonijiet rilevanti;

(12) "implimentazzjoni effettiva" tfisser l-implimentazzjoni integrali tal-impenji u l-obbligi kollha meħuda skont il-konvenzjonijiet rilevanti, biex b'ħekk jiġi żgurat li l-prinċipji, l-objettivi u d-drittijiet garantiti fil-konvenzjonijiet rilevanti jkunu mħarsa fit-territorju kollu tal-pajjiż benefiċjarju, inkluż fi kwalunkwe żona f'dak it-territorju li l-pajjiż benefiċjarju jkun iddeżinja bħala żona ekonomika speċjali jew żona ta' pproċessar għall-esportazzjoni;

(13) "ilment" tfisser ilment ippreżentat lill-Kummissjoni permezz tal-Punt Uniku ta' Kuntatt (SEP).

Artikolu 3

1. Lista ta' pajjiżi li huma eliġibbli biex jibbenefikaw minn kwalunkwe wieħed mill-arranġamenti preferenzjali tariffarji msemmija fl-Artikolu 1(2) (il-"pajjiżi eliġibbli") hija stabbilita fl-Anness I, il-kolonni A u B.

2. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 45 biex temenda l-lista stabbilita fl-Anness I sabiex tqis il-bidliet fl-istat internazzjonali jew il-klassifikazzjoni tal-pajjiżi, l-iżvilupp ekonomiku tagħhom, jew il-ħtiġijiet tagħhom għall-kummerċ, il-finanzjament u l-iżvilupp.

3. Il-Kummissjoni għandha tinnotifika pajjiż eliġibbli kkonċernat dwar kull bidla rilevanti fl-istat tiegħu skont is-SĠP.

KAPITOLU II

SĠP standard

Artikolu 4

1. Pajjiż eliġibbli għandu jibbenefika mill-preferenzi tariffarji pprovduti skont is-SĠP standard, sakemm:

(a) ma jkunx ġie kklassifikat mill-Bank Dinji bħala pajjiż bi dħul għoli jew medju superjuri għat-tliet snin konsekuttivi eżatt qabel l-aġġornament tal-lista ta' pajjiżi benefiċjarji; jew

(b) ma jkunx jibbenefika minn arranġament preferenzjali għal aċċess għas-suq mal-Unjoni li jipprovdi l-istess preferenzi tariffarji bħas-SĠP, jew aħjar, għal sostanzjalment il-kummerċ kollu.

2. Il-paragrafu 1, il-punti (a) u (b), ma għandhomx japplikaw għall-pajjiżi l-anqas żviluppati.

Artikolu 5

1. Il-pajjiżi benefiċjarji tas-SĠP standard li jissodisfaw il-kriterji stipulati fl-Artikolu 4 huma elenkati fl-Anness I u huma identifikati bħala tali fil-kolonna C tiegħu.

2. Sal-1 ta' Jannar ta' kull sena wara t-12 ta' Lulju 2026, il-Kummissjoni għandha tirrieżamina l-Anness I. Biex tagħti ħin lil pajjiż benefiċjarju tas-SĠP standard u operaturi ekonomiċi biex jadattaw għall-bidla fl-istat tal-pajjiż skont is-SĠP:

(a) id-deċiżjoni li pajjiż ma jibqax jiġi identifikat aktar bħala pajjiż benefiċjarju tas-SĠP standard, f'konformità mal-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu u abbażi tal-Artikolu 4(1), il-punt (a), għandha tapplika mill-1 ta' Jannar tat-tieni sena kalendarja wara s-sena kalendarja tad-data li fiha l-kriterji rilevanti ma jibqgħux jiġu ssodisfati;

(b) id-deċiżjoni li pajjiż ma jibqax jiġi identifikat aktar bħala pajjiż benefiċjarju tas-SĠP standard, f'konformità mal-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu u abbażi tal-Artikolu 4(1), il-punt (b), għandha tapplika mill-1 ta' Jannar tat-tielet sena kalendarja wara s-sena kalendarja tad-data ta' applikazzjoni ta' arranġament preferenzjali għal aċċess għas-suq.

3. Għall-finijiet tal-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu, il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati, f'konformità mal-Artikolu 45, biex temenda l-Anness I, il-kolonna C, abbażi tal-kriterji stipulati fl-Artikolu 4.

4. Il-Kummissjoni għandha tinnotifika lill-pajjiż benefiċjarju tas-SĠP standard ikkonċernat b'kull bidla fl-istat tiegħu skont is-SĠP.

Artikolu 6

1. Il-prodotti inklużi fis-SĠP standard huma elenkati fl-Anness III.

2. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 45, biex temenda l-Anness III sabiex tinkorpora bidliet li jkunu saru meħtieġa b'emendi għan-Nomenklatura Magħquda.

Artikolu 7

1. Id-dazji tat-Tariffa Doganali Komuni fuq il-prodotti elenkati fl-Anness III bħala prodotti mhux sensittivi għandhom ikunu sospiżi għalkollox, għajr għal komponenti agrikoli.

2. Dazji *ad valorem* tat-Tariffa Doganali Komuni fuq prodotti elenkati fl-Anness III bħala prodotti sensittivi għandhom jitnaqqsu bi 3,5 punti perċentwali. Għal prodotti taħt it-Taqsimiet tas-SĠP S-11a u S-11b tal-Anness III, dak it-tnaqqis għandu jkun ta' 20 %.

3. Meta r-rati ta' dazju preferenzjali applikati, f'konformità mal-Artikolu 7 tar-Regolament (UE) Nru 978/2012, fuq id-dazji *ad valorem* tat-Tariffa Doganali Komuni applikabbli fit-12 ta' Lulju 2026 jipprevedu tnaqqis ta' tariffi ta' aktar minn 3,5 punti perċentwali għall-prodotti msemmija fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu, dawk ir-rati ta' dazju preferenzjali għandhom ikomplu japplikaw.

4. Dazji speċifiċi tat-Tariffa Doganali Komuni, għajr id-dazji minimi jew massimi, fuq prodotti elenkati fl-Anness III bħala prodotti sensittivi għandhom jitnaqqsu bi 30 %.

5. Meta dazji tat-Tariffa Doganali Komuni fuq prodotti elenkati fl-Anness III bħala prodotti sensittivi jinkludu dazji *ad valorem* u dazji speċifiċi, id-dazji speċifiċi ma għandhomx jitnaqqsu.

6. Meta d-dazji mnaqqsa f'konformità mal-paragrafi 2 u 4 jispeċifikaw dazju massimu, dak id-dazju massimu ma għandux jitnaqqas. Meta tali dazji jispeċifikaw dazju minimu, dak id-dazju minimu ma għandux japplika.

Artikolu 8

1. Il-preferenzi tariffarji msemmija fl-Artikolu 7 għandhom ikunu sospiżi, fir-rigward ta' prodotti ta' taqsima tas-SĠP li joriġinaw f'pajjiż benefiċjarju tas-SĠP standard, meta l-valur medju tal-importazzjonijiet tal-Unjoni ta' prodotti bħal dawn tul tliet snin konsekuttivi minn dak il-pajjiż benefiċjarju tas-SĠP standard jaqbeż il-limiti elenkati fl-Anness IV. Dawk il-limiti għandhom ikunu kkalkulati bħala persentaġġ tal-valur totali tal-importazzjonijiet tal-Unjoni tal-istess prodotti mill-pajjiżi benefiċjarji kollha.

2. Qabel l-applikazzjoni tal-preferenzi tariffarji fl-ambitu tas-SĠP, il-Kummissjoni għandha tadotta att ta' implimentazzjoni , f'konformità mal-proċedura konsultattiva msemmija fl-Artikolu 48(2), li jistabbilixxi lista ta' taqsimiet tas-SĠP li għalihom il-preferenzi tariffarji msemmija fl-Artikolu 7 jkunu sospiżi fir-rigward ta' pajjiż benefiċjarju tas-SĠP standard. Dak l-att ta' implimentazzjoni għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2027.

3. Kull tliet snin, il-Kummissjoni għandha tirrieżamina l-lista msemmija fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu u tadotta atti ta' implimentazzjoni, f'konformità mal-proċedura konsultattiva msemmija fl-Artikolu 48(2), sabiex tissospendi jew terġa' tistabbilixxi l-preferenzi tariffarji msemmija fl-Artikolu 7. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom japplikaw mill-1 ta' Jannar tas-sena ta' wara dik tad-data tad-dħul fis-seħħ tagħhom.

4. Il-lista msemmija fil-paragrafi 2 u 3 ta' dan l-Artikolu għandha tkun stabbilita abbażi tad-data disponibbli fl-1 ta' Settembru tas-sena li fiha jsir ir-rieżami u tas-sentejn qabel is-sena tar-rieżami. Għandha tqis importazzjonijiet minn pajjiżi benefiċjarji tas-SĠP kif applikabbli f'dak iż-żmien. Madankollu, il-valur ta' importazzjonijiet minn pajjiżi benefiċjarji tas-SĠP, li fid-data tal-applikazzjoni tas-sospensjoni ma jkunux għadhom jibbenefikaw mill-preferenzi tariffarji skont l-Artikolu 4(1), il-punt (b), ma għandux jitqies.

5. Il-Kummissjoni għandha tinnotifika lill-pajjiż ikkonċernat bl-atti ta' implimentazzjoni adottati f'konformità mal-paragrafi 2 u 3.

6. Meta l-Anness I jiġi emendat f'konformità mal-kriterji stipulati fl-Artikolu 4, il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 45 biex temenda l-Anness IV sabiex taġġusta l-modalitajiet elenkati f'dak l-Anness biex proporzjonalment iżżomm l-istess piż tat-taqsimiet tas-SĠP li fir-rigward tagħhom il-preferenzi tariffarji jkunu ġew sospiżi skont il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu.

KAPITOLU III

SĠP+

Artikolu 9

1. Pajjiż benefiċjarju jista' jibbenefika mill-preferenzi tariffarji pprovduti skont is-SĠP+ jekk jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) jitqies li huwa vulnerabbli, kif definit fl-Anness V, minħabba nuqqas ta' diversifikazzjoni;

(b) ikun irratifika l-konvenzjonijiet rilevanti kollha u l-Kummissjoni ma tkunx identifikat, abbażi tal-informazzjoni disponibbli, b'mod partikolari l-aktar konklużjonijiet disponibbli riċenti tal-korpi ta' monitoraġġ skont dawk il-konvenzjonijiet rilevanti, nuqqas serju li jimplimenta b'mod effettiv kwalunkwe waħda mill-konvenzjonijiet rilevanti;

(c) ma jkunx ifformula riżerva fir-rigward ta' kwalunkwe waħda mill-konvenzjonijiet rilevanti, li hija pprojbita minn dik il-konvenzjoni rilevanti jew li, għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, titqies inkompatibbli mal-objettiv u l-fini tal-konvenzjonijiet rilevanti.

(d) jidħol f'impenn vinkolanti li jżomm ir-ratifika tal-konvenzjonijiet rilevanti u jfittex u jiżgura l-implimentazzjoni effettiva tagħhom, mirfuda minn pjan ta' azzjoni;

(e) jaċċetta mingħajr riżerva r-rekwiżiti ta' rapportar imposti minn kwalunkwe waħda mill-konvenzjonijiet rilevanti u jidħol f'impenn vinkolanti li jaċċetta monitoraġġ u rieżami regolari tar-rekord ta' implimentazzjoni tiegħu f'konformità mal-konvenzjonijiet rilevanti;

(f) jidħol f'impenn vinkolanti li jipparteċipa u jikkoopera fi ħdan il-qafas tal-proċedura ta' rapportar u monitoraġġ tal-Unjoni prevista fl-Artikolu 13.

2. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, il-punt (c), ir-riżervi għandhom jitqiesu li huma inkompatibbli mal-objettiv u l-fini ta' konvenzjoni rilevanti jekk:

(a) proċess stabbilit espliċitament għal dak il-fini skont il-konvenzjoni rilevanti jkun iddetermina dan; jew

(b) fin-nuqqas ta' proċess bħal dan, l-Unjoni, fejn tkun parti għall-konvenzjoni rilevanti, jew maġġoranza kwalifikata ta' Stati Membri parti għall-konvenzjoni rilevanti, f'konformità mal-kompetenzi rispettivi tagħhom kif stabbiliti fit-Trattati, tkun oġġezzjonat għar-riżerva għar-raġuni li hija inkompatibbli mal-objettiv u l-fini tal-konvenzjoni rilevanti u tkun kontra d-dħul fis-seħħ tal-konvenzjoni rilevanti bejniethom u l-istat li jagħmel ir-riżerva f'konformità mal-Konvenzjoni ta' Vjenna tal-1969 dwar il-Liġi tat-Trattati.

3. Il-pjan ta' azzjoni msemmi fil-paragrafu 1, il-punt (d), għandu jkun ibbażat fuq informazzjoni disponibbli, b'mod partikolari fuq l-aktar konklużjonijiet riċenti tal-korpi ta' monitoraġġ tal-konvenzjonijiet rilevanti. Dak il-pjan ta' azzjoni għandu jipproponi wkoll perjodi ta' żmien xierqa u indikattivi u għandu jidentifika, fejn rilevanti, l-istituzzjonijiet responsabbli fil-pajjiż benefiċjarju. Il-pjan ta' azzjoni għandu jħares 'il quddiem u jkun orjentat lejn il-prijoritajiet. Il-pjan ta' azzjoni għandu jiġi ppubblikat ladarba l-pajjiż isir benefiċjarju tas-SĠP+.

Artikolu 10

1. Is-SĠP+ għandu jiġi mogħti jekk jintlaħqu l-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) pajjiż benefiċjarju tas-SĠP ikun għamel talba għal dak l-iskop;

(b) il-Kummissjoni tqis, abbażi ta' eżami tat-talba, li l-pajjiż rikjedenti jissodisfa l-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 9.

2. Il-pajjiż rikjedenti għandu jippreżenta t-talba tiegħu lill-Kummissjoni bil-miktub. It-talba għandha tipprovdi informazzjoni komprensiva dwar ir-ratifika tal-konvenzjonijiet rilevanti u għandha tinkludi l-impenji vinkolanti msemmija fl-Artikolu 9(1), il-punti (d), (e) u (f), inkluż il-pjan ta' azzjoni.

3. Wara li tirċievi talba, il-Kummissjoni għandha tinnotifika lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwarha.

4. Wara li teżamina t-talba, il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 45, biex temenda l-Anness I sabiex pajjiż rikjedenti jingħata l-istat ta' pajjiż benefiċjarju tas-SĠP+ billi jiġi identifikat bħala tali fil-kolonna C tiegħu.

5. Meta pajjiż benefiċjarju tas-SĠP+ ma jibqax jissodisfa l-kundizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 9(1), il-punti (a) jew (c), jew jirtira kwalunkwe wieħed mill-impenji vinkolanti tiegħu msemmija fl-Artikolu 9(1), il-punti (d), (e) u (f), il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta att delegat skont l-Artikolu 45, biex temenda l-Anness I sabiex dak il-pajjiż ma jibqax jiġi identifikat bħala pajjiż benefiċjarju tas-SĠP+.

6. Il-Kummissjoni għandha tinnotifika lill-pajjiż rikjedenti dwar deċiżjoni meħuda f'konformità mal-paragrafi 4 u 5 wara li l-att delegat imsemmi f'dawk il-paragrafi jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*. Meta l-pajjiż rikjedenti jingħata l-istat ta' pajjiż benefiċjarju tas-SĠP+, il-Kummissjoni għandha tinformah dwar id-data li fiha jibda japplika dak l-att delegat.

7. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 45, biex tissupplimenta dan ir-Regolament billi tistabbilixxi regoli relatati mal-proċedura għall-għoti tal-istat ta' pajjiż benefiċjarju tas-SĠP+, b'mod partikolari fir-rigward tal-iskadenzi u l-preżentazzjoni u l-ipproċessar ta' talbiet.

Artikolu 11

1. Il-prodotti inklużi fis-SĠP+ huma elenkati fl-Annessi III u VII.

2. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 6(2), il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 45, biex temenda l-Annessi III u VII biex tqis emendi għan-Nomenklatura Magħquda li jaffettwaw il-prodotti elenkati f'dawk l-Annessi.

Artikolu 12

1. Id-dazji *ad valorem* tat-Tariffa Doganali Komuni fuq il-prodotti kollha elenkati fl-Annessi III u VII, li joriġinaw minn pajjiż benefiċjarju tas-SĠP+, għandhom jiġu sospiżi.

2. Id-dazji speċifiċi tat-Tariffa Doganali Komuni fuq il-prodotti msemmija fil-paragrafu 1 għandhom ikunu sospiżi għalkollox, għajr għall-prodotti li fuqhom id-dazji tat-Tariffa Doganali Komuni jinkludu dazji *ad valorem*. Għal prodotti bil-kodiċi tan-Nomenklatura Magħquda 1704 10 90, id-dazju speċifiku għandu jkun limitat għal 16 % tal-valur doganali.

Artikolu 13

1. Mid-data tal-għoti tal-preferenzi tariffarji pprovduti skont is-SĠP+, f'ċikli ta' monitoraġġ regolari ta' tliet snin, il-Kummissjoni għandha tiddiskuti ma' kull wieħed mill-pajjiżi benefiċjarji tas-SĠP+, għandha tkompli tirrieżamina u tagħmel monitoraġġ tal-istat tar-ratifika tal-konvenzjonijiet rilevanti u l-implimentazzjoni effettiva tagħhom, kif ukoll il-kooperazzjoni tal-pajjiż benefiċjarju tas-SĠP+ mal-korpi ta' monitoraġġ rilevanti, u l-progress li jkun sar minn kull pajjiż benefiċjarju tas-SĠP+ biex jimplimenta l-pjan ta' azzjoni tiegħu. B'hekk, il-Kummissjoni għandha teżamina l-informazzjoni rilevanti kollha, b'mod partikolari l-konklużjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet tal-korpi ta' monitoraġġ rilevanti.

2. Pajjiż benefiċjarju tas-SĠP+ għandu jikkoopera mal-Kummissjoni u jipprovdi l-informazzjoni kollha meħtieġa biex tivvaluta r-rispett tiegħu għall-impenji vinkolanti msemmija fl-Artikolu 9(1), il-punti (d), (e) u (f), u s-sitwazzjoni tiegħu fir-rigward tal-Artikolu 9(1), il-punti (b) u (c).

3. Il-Kummissjoni għandha twettaq, meta applikabbli b'mod konġunt mas-SEAE, mill-anqas żjara ta' monitoraġġ waħda f'kull pajjiż benefiċjarju tas-SĠP+ għal kull ċiklu ta' monitoraġġ, sabiex tivvaluta l-progress li jkun sar minn kull pajjiż benefiċjarju tas-SĠP+ f'termini ta' implimentazzjoni effettiva tal-konvenzjonijiet rilevanti, filwaqt li tqis il-passi meħuda f'konformità mal-pjan ta' azzjoni rilevanti.

Artikolu 14

1. Sal-1 ta' Jannar 2030, u kull tliet snin wara dik id-data, il-Kummissjoni għandha tippreżenta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill rapport dwar l-istat tar-ratifika tal-konvenzjonijiet rilevanti, il-konformità tal-pajjiżi benefiċjarji tas-SĠP+ ma' kull obbligu ta' rapportar skont it-tali konvenzjonijiet rilevanti u dwar l-istat tal-implimentazzjoni effettiva tagħhom.

2. Ir-rapport imsemmi fil-paragrafu 1 għandu jinkludi:

(a) il-konklużjonijiet jew ir-rakkomandazzjonijiet ta' korpi ta' monitoraġġ rilevanti fir-rigward ta' kull pajjiż benefiċjarju tas-SĠP+; u

(b) il-konklużjonijiet tal-Kummissjoni u, fejn xieraq, tas-SEAE, dwar jekk kull pajjiż benefiċjarju tas-SĠP+ jirrispettax l-impenji vinkolanti tiegħu li jkun konformi ma' obbligi ta' rapportar, li jikkoopera ma' korpi ta' monitoraġġ rilevanti f'konformità mal-konvenzjonijiet rilevanti u li jiżgura l-implimentazzjoni effettiva tagħhom, billi titqies l-implimentazzjoni tal-pjan ta' azzjoni tiegħu.

Ir-rapport jista' jinkludi kwalunkwe informazzjoni li l-Kummissjoni tqis xierqa minn kwalunkwe sors.

F'każijiet ta' tħassib speċifiku, ir-rapport għandu jindika rakkomandazzjonijiet dwar kwistjonijiet u azzjonijiet li għandhom jingħataw prijorità fiċ-ċiklu ta' monitoraġġ li jmiss biex tittejjeb l-implimentazzjoni effettiva tal-konvenzjonijiet rilevanti kif imsemmi fl-impenji vinkolanti korrispondenti.

3. Fit-tfassil tal-konklużjonijiet tagħhom rigward l-implimentazzjoni effettiva tal-konvenzjonijiet rilevanti, il-Kummissjoni u, fejn xieraq, is-SEAE, għandhom jivvalutaw il-konklużjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet tal-korpi ta' monitoraġġ rilevanti, kif ukoll, mingħajr preġudizzju għal sorsi oħrajn, informazzjoni ppreżentata mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill kif ukoll partijiet terzi, inklużi gvernijiet u organizzazzjonijiet internazzjonali, is-soċjetà ċivili u sħab soċjali.

Artikolu 15

1. Is-SĠP+ għandu jkun irtirat temporanjament, fir-rigward tal-prodotti kollha jew ta' ċerti prodotti li joriġinaw minn pajjiż benefiċjarju tas-SĠP+, meta dak il-pajjiż benefiċjarju tas-SĠP+ ma jirrispettax l-impenji vinkolanti tiegħu kif imsemmija fl-Artikolu 9(1), il-punti (d), (e) u (f), jew il-pajjiż benefiċjarju tas-SĠP+ ikun ifformula riżerva li hija pprojbita minn xi waħda mill-konvenzjonijiet rilevanti jew li hija inkompatibbli mal-objettiv u l-fini ta' dik il-konvenzjoni rilevanti kif stabbilit fl-Artikolu 9(1), il-punt (c).

2. L-oneru tal-prova għall-konformità mal-obbligi tiegħu li jirriżultaw minn impenji vinkolanti kif imsemmija fl-Artikolu 9(1), il-punti (d), (e) u (f), u s-sitwazzjoni tiegħu kif imsemmija fl-Artikolu 9(1), il-punt (c), għandu jkun fuq il-pajjiż benefiċjarju tas-SĠP+.

3. Meta, abbażi tal-konklużjonijiet tar-rapport imsemmi fl-Artikolu 14 jew abbażi tal-evidenza disponibbli, inkluża l-evidenza ppreżentata permezz ta' lment, u billi jitqies l-involviment imsaħħaħ imsemmi fl-Artikolu 20, il-Kummissjoni jkollha dubju raġonevoli li pajjiż benefiċjarju tas-SĠP+ partikolari ma jirrispettax l-impenji vinkolanti tiegħu mirfuda mill-pjan ta' azzjoni kif imsemmi fl-Artikolu 9(1), il-punt (d), jew l-impenji vinkolanti tiegħu kif imsemmija fl-Artikolu 9(1), il-punt (e) jew il-punt (f), jew ikun ifformula riżerva li hija pprojbita minn xi waħda mill-konvenzjonijiet rilevanti jew li hija inkompatibbli mal-objettiv u l-fini ta' dik il-konvenzjoni rilevanti kif stabbilit fl-Artikolu 9(1), il-punt (c), hija għandha tadotta att ta' implimentazzjoni, f'konformità mal-proċedura konsultattiva msemmija fl-Artikolu 48(2), sabiex tibda l-proċedura għall-irtirar temporanju tal-preferenzi tariffarji pprovduti skont is-SĠP+. Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar dan.

4. Il-Kummissjoni għandha tippubblika avviż f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u tinnotifika lill-pajjiż benefiċjarju tas-SĠP+ ikkonċernat dwar l-adozzjoni tal-att ta' implimentazzjoni msemmi fil-paragrafu 3. L-avviż għandu:

(a) jiddikjara r-raġunijiet għad-dubju raġonevoli msemmi fil-paragrafu 3 li jista' jpoġġi f'dubju d-dritt li l-pajjiż benefiċjarju tas-SĠP+ ikompli jgawdi mill-preferenzi tariffarji pprovduti skont is-SĠP+;

(b) jispeċifika l-perjodu li fih il-pajjiż benefiċjarju tas-SĠP+ għandu jippreżenta l-osservazzjonijiet tiegħu.

Il-perjodu msemmi fil-punt (b) tal-ewwel subparagrafu ma għandux jaqbeż it-tliet xhur mid-data tal-pubblikazzjoni tal-avviż.

5. Il-Kummissjoni għandha tagħti lill-pajjiż benefiċjarju tas-SĠP+ ikkonċernat kull opportunità li jikkoopera matul il-perjodu msemmi fil-paragrafu 4, il-punt (b).

6. Il-Kummissjoni għandha tfittex li tikseb l-informazzjoni kollha li tqis meħtieġa, inklużi l-konklużjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet tal-korpi ta' monitoraġġ rilevanti, u l-informazzjoni rilevanti minn sorsi oħra, inkluża l-evidenza ppreżentata permezz ta' lment jew ipprovduta minn partijiet terzi, inkluża s-soċjetà ċivili, kif xieraq. Fit-tfassil tal-konklużjonijiet tagħha, il-Kummissjoni għandha tivvaluta l-informazzjoni rilevanti kollha.

7. Fi żmien tliet xhur wara l-iskadenza tal-perjodu msemmi fil-paragrafu 4, l-ewwel subparagrafu, il-punt (b), il-Kummissjoni għandha tiddeċiedi:

(a) li ttemm il-proċedura ta' rtirar temporanju; jew

(b) li tirtira temporanjament il-preferenzi tariffarji pprovduti skont is-SĠP+.

8. Meta l-Kummissjoni tqis li s-sejbiet ma jiġġustifikawx irtirar temporanju, hija għandha tadotta att ta' implimentazzjoni, f'konformità mal-proċedura konsultattiva msemmija fl-Artikolu 48(2), sabiex ittemm il-proċedura ta' rtirar temporanju. Dak l-att ta' implimentazzjoni għandu jkun ibbażat, inter alia, fuq l-evidenza riċevuta.

9. Meta l-Kummissjoni tqis li s-sejbiet jiġġustifikaw irtirar temporanju għar-raġunijiet imsemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, hija għandha s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 45, biex temenda l-Annessi I u II sabiex tirtira temporanjament il-preferenzi tariffarji pprovduti skont is-SĠP+.

Meta tkun qed tħejji dawk l-atti delegati, il-Kummissjoni għandha, abbażi tal-informazzjoni disponibbli, twettaq analiżi tal-effett soċjoekonomiku tal-irtirar temporanju tal-preferenzi tariffarji fil-pajjiż benefiċjarju.

10. Meta l-Kummissjoni tiddeċiedi dwar irtirar temporanju, tali atti delegati għandhom isiru applikabbli sitt xhur mid-data tal-adozzjoni tagħhom.

11. Wara l-adozzjoni ta' atti delegati biex jiġu rtirati temporanjament is-SĠP+, il-Kummissjoni għandha tkompli, fejn xieraq, id-djalogu mibdi fi ħdan il-qafas tal-involviment imsaħħaħ skont l-Artikolu 20.

12. Meta r-raġunijiet li jiġġustifikaw irtirar temporanju ma jibqgħux japplikaw qabel ma l-atti delegati msemmija fil-paragrafu 9 ta' dan l-Artikolu jsiru applikabbli, il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tirrevoka dawk l-atti delegati biex tirtira temporanjament l-preferenzi tariffarji f'konformità mal-proċedura ta' urġenza msemmija fl-Artikolu 46.

13. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 45, biex tissupplimenta dan ir-Regolament billi tistabbilixxi regoli relatati mal-proċedura għall-irtirar temporanju tas-SĠP+, b'mod partikolari fir-rigward tal-iskadenzi, id-drittijiet tal-partijiet, il-kunfidenzjalità u l-kundizzjonijiet għar-rieżami.

Artikolu 16

Meta l-Kummissjoni ssib li r-raġunijiet li jiġġustifikaw irtirar temporanju tal-preferenzi tariffarji, kif imsemmi fl-Artikolu 15(1), ma jibqgħux japplikaw, hija għandha s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 45, biex temenda l-Annessi I u II, sabiex jerġgħu jiddaħħlu l-preferenzi tariffarji pprovduti skont is-SĠP+.

Meta jibqgħu japplikaw uħud mir-raġunijiet imsemmija fl-Artikolu 15(1) li għalihom ikun ġie deċiż irtirar temporanju tal-preferenzi tariffarji, filwaqt li oħrajn ma jibqgħux japplikaw, jew meta jsiru applikabbli raġunijiet addizzjonali għal dawk li jkunu ġġustifikaw irtirar temporanju, il-miżuri adottati f'konformità mal-Artikolu 15(9) għandhom jiġu aġġustati kif meħtieġ.

KAPITOLU IV

KMA

Artikolu 17

1. Pajjiż eliġibbli għandu jibbenefika mill-preferenzi tariffarji pprovduti skont il-KMA jekk dak il-pajjiż ikun pajjiż l-anqas żviluppat.

2. Il-Kummissjoni għandha tirrieżamina kontinwament il-lista ta' pajjiżi benefiċjarji tal-KMA elenkati fl-Anness I, u identifikati bħala tali fil-kolonna C tiegħu, abbażi tal-aktar data riċenti disponibbli.

Meta pajjiż benefiċjarju tal-KMA ma jibqax jissodisfa l-kundizzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 45, biex temenda l-Anness I sabiex tneħħi lill-pajjiż mill-arranġament tal-KMA wara perjodu tranżizzjonali ta' tliet snin mid-data li fiha l-pajjiż benefiċjarju tal-KMA ma jibqax jissodisfa dik il-kundizzjoni.

3. Sakemm in-NU jinnominaw pajjiż indipendenti ġdid bħala pajjiż l-anqas żviluppat, il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 45, biex temenda l-Anness I bħala miżura interim sabiex tinkludi tali pajjiż fil-lista ta' pajjiżi benefiċjarji tal-KMA.

Jekk tali pajjiż indipendenti ġdid ma jkunx nominat min-NU bħala pajjiż l-anqas żviluppat matul l-ewwel reviżjoni disponibbli tal-kategorija tal-pajjiżi l-anqas żviluppati, il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati mingħajr dewmien, skont l-Artikolu 45, biex jiġi emendat l-Anness I sabiex tali pajjiż jitneħħa minn dak l-Anness, mingħajr ma jkun konċess il-perjodu tranżizzjonali msemmi fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu.

4. Il-Kummissjoni għandha tinnotifika lill-pajjiż benefiċjarju tal-KMA kkonċernat b'kull tibdil fl-istat tiegħu skont is-SĠP +.

Artikolu 18

Id-dazji tat-Tariffa Doganali Komuni fuq il-prodotti kollha li huma elenkati fil-Kapitoli minn 1 sa 97 tan-Nomenklatura Magħquda, għajr dawk fil-Kapitolu 93, li joriġinaw minn pajjiż benefiċjarju tal-KMA, għandhom ikunu sospiżi għalkollox.

KAPITOLU V

Dispożizzjonijiet ġenerali dwar l-involviment

Artikolu 19

Il-Kummissjoni, u fejn rilevanti s-SEAE, għandhom jinvolvu ruħhom ma' pajjiżi benefiċjarji tas-SĠP standard u ma' pajjiżi benefiċjarji tal-KMA fil-kuntest ta' djalogi bilaterali eżistenti, biex jirrieżaminaw u jinkoraġġixxu l-progress favur ir-ratifika tal-konvenzjonijiet rilevanti.

Artikolu 20

1. Il-Kummissjoni, filwaqt li taġixxi fuq ilment jew fuq inizjattiva proprja, tista' tidħol f'involviment imsaħħaħ ma' pajjiż benefiċjarju tas-SĠP standard jew pajjiż benefiċjarju tal-KMA f'sitwazzjonijiet li fihom dan ikun ta' benefiċċju biex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet fl-implimentazzjoni tal-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan ir-Regolament, u b'mod partikolari f'każijiet ta' nuqqasijiet fir-rigward tal-prinċipji tal-konvenzjonijiet rilevanti. Meta l-Kummissjoni tqis li l-pajjiż benefiċjarju tas-SĠP standard jew il-pajjiż benefiċjarju tal-KMA jkun ħa l-passi meħtieġa biex jindirizza n-nuqqasijiet, hija tista' ttemm l-involviment imsaħħaħ.

2. Għall-pajjiżi benefiċjarji tas-SĠP+, il-Kummissjoni għandha, fi ħdan il-qafas ta' involviment imsaħħaħ, twettaq l-azzjonijiet meħtieġa ta' rieżami, monitoraġġ u valutazzjoni skont il-proċedura stipulata fl-Artikolu 13.

Artikolu 21

Għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-passi proċedurali rilevanti skont dan ir-Regolament relatati mal-konvenzjonijiet rilevanti, il-Kummissjoni għandha tqis l-attivitajiet u l-proċeduri rilevanti mwettqa mill-entitajiet internazzjonali rilevanti fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem, id-drittijiet tax-xogħol, il-klima u l-ħarsien tal-ambjent u l-governanza tajba.

Artikolu 22

1. Id-djalogi bilaterali eżistenti u l-involvimenti msaħħa mal-pajjiżi benefiċjarji msemmija f'dan il-Kapitolu jistgħu jindirizzaw il-kooperazzjoni fir-riammissjoni taċ-ċittadini proprji ta' dak il-pajjiż, meta dawk il-persuni jkunu migranti irregolari għall-Unjoni.

2. Meta l-Kummissjoni tkun ippreżentat proposta skont l-Artikolu 25a(5), il-punt (a), tal-Kodiċi dwar il-Viżi, hija għandu jkollha involviment imsaħħaħ iddedikat mal-pajjiż benefiċjarju kkonċernat sabiex ittejjeb il-livell ta' kooperazzjoni tal-pajjiż benefiċjarju fir-rigward tal-obbligu internazzjonali ta' riammissjoni taċ-ċittadini proprji ta' dak il-pajjiż benefiċjarju.

3. Fil-każ ta' nuqqasijiet serji u sistematiċi relatati mal-obbligu internazzjonali ta' riammissjoni taċ-ċittadini proprji ta' pajjiż benefiċjarju, l-arranġamenti preferenzjali msemmija fl-Artikolu 1(2) jistgħu jiġu rtirati temporanjament, fir-rigward tal-prodotti kollha jew ta' ċerti prodotti li joriġinaw f'dak il-pajjiż benefiċjarju, fejn il-Kummissjoni tqis li qed jippersisti livell insuffiċjenti ta' kooperazzjoni dwar ir-riammissjoni wara:

(a) involviment imsaħħaħ, imsemmi fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu, ta' mill-anqas 12-il xahar mid-data li minnha l-Kummissjoni tippreżenta l-proposta lill-Kunsill biex jadotta deċiżjoni ta' implimentazzjoni f'konformità mal-Artikolu 25a(5), il-punt (a), tal-Kodiċi dwar il-Viżi, għal pajjiżi benefiċjarji tas-SĠP standard u għal pajjiżi benefiċjarji tas-SĠP+;

(b) involviment imsaħħaħ, imsemmi fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu, ta' mill-anqas 12-il xahar mid-data li minnha l-Kunsill jadotta deċiżjoni ta' implimentazzjoni f'konformità mal-Artikolu 25a(5), il-punt (a), tal-Kodiċi dwar il-Viżi, għall-pajjiżi benefiċjarji tal-KMA.

4. Il-Kummissjoni tista' tibda l-proċedura biex tirtira temporanjament l-arranġamenti preferenzjali minn pajjiż benefiċjarju skont il-paragrafu 3 biss wara li tkun ivvalutat, fuq bażi preliminari, jekk irtirar temporanju potenzjali tal-arranġamenti preferenzjali jkunx proporzjonat, filwaqt li tqis il-kontribut ta' rtirar temporanju biex titjieb il-kooperazzjoni mal-pajjiż terz inkwistjoni, inkluż fid-dawl tas-sitwazzjoni soċjoekonomika ta' dak il-pajjiż. Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar il-valutazzjoni tagħha u għandha tipproduċi rapport pubbliku li jippreżenta l-konklużjonijiet tagħha.

5. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafi 2, 3 u 4 ta' dan l-Artikolu, l-Artikolu 23(3) sa (17) u l-Artikolu 24 għandhom japplikaw għall-irtirar temporanju tal-arranġamenti preferenzjali skont il-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu.

6. Meta l-Kummissjoni tadotta att delegat skont l-Artikolu 23(10) sabiex tirtira temporanjament l-arranġamenti preferenzjali minn pajjiż benefiċjarju fil-każ ta' nuqqasijiet serji u sistematiċi relatati mal-obbligu internazzjonali ta' riammissjoni taċ-ċittadini proprji ta' pajjiż benefiċjarju, hija għandha tinforma lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-informazzjoni rilevanti inkluża fir-rapporti magħmula, u l-valutazzjonijiet imwettqa, fil-kuntest tal-applikazzjoni tal-Artikolu 25a tal-Kodiċi dwar il-Viżi fir-rigward ta' dak il-pajjiż benefiċjarju, inkluża data xierqa dwar it-tendenzi ta' riammissjoni ma' dak il-pajjiż benefiċjarju.

7. Ir-rapport dwar l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament previst fl-Artikolu 49, it-tieni paragrafu, għandu jinkludi valutazzjoni tal-ħtieġa, u l-funzjonament tar-rabta bejn is-SĠP u l-kooperazzjoni għar-riammissjoni taċ-ċittadini proprji mill-pajjiżi benefiċjarji.

8. Il-paragrafi 3 u 4 għandhom japplikaw għall-pajjiżi benefiċjarji tal-KMA mill-1 ta' Jannar 2029.

KAPITOLU VI

Dispożizzjonijiet ta' rtirar temporanju komuni għall-arranġamenti preferenzjali kollha

Artikolu 23

1. L-arranġamenti preferenzjali msemmija fl-Artikolu 1(2) jistgħu jkunu rtirati temporanjament, fir-rigward tal-prodotti kollha jew ta' ċerti prodotti li joriġinaw minn pajjiż benefiċjarju, għal kwalunkwe waħda mir-raġunijiet li ġejjin:

(a) ksur serju u sistematiku tal-prinċipji stipulati fil-konvenzjonijiet rilevanti;

(b) esportazzjoni ta' merkanzija li ssir bi ħaddim tat-tfal u xogħol furzat ipprojbiti internazzjonalment, inklużi l-iskjavitù u x-xogħol fil-ħabsijiet;

(c) nuqqasijiet serji fil-kontrolli doganali fir-rigward tal-esportazzjoni jew it-tranżitu ta' drogi (sustanzi illeċiti jew prekursuri), jew nuqqas serju ta' konformità mal-konvenzjonijiet internazzjonali kontra t-terroriżmu jew kontra l-ħasil tal-flus;

(d) prattiki kummerċjali inġusti serji u sistematiċi inklużi dawk li jaffettwaw il-forniment ta' materja prima, li jkollhom effett negattiv fuq l-industrija tal-Unjoni u li ma jkunux ġew indirizzati mill-pajjiż benefiċjarju;

(e) ksur serju u sistematiku tal-objettivi adottati mill-organizzazzjonijiet reġjonali tas-sajd jew ta' kwalunkwe arranġament internazzjonali li l-Unjoni tkun parti għalih li jikkonċerna l-konservazzjoni u l-ġestjoni tar-riżorsi tas-sajd.

Għal dawk il-prattiki kummerċjali inġusti, kif imsemmi fil-punt (d) tal-ewwel subparagrafu, li huma pprojbiti jew persegwibbli skont il-Ftehimiet tad-WTO, l-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu għandha tkun abbażi ta' determinazzjoni preċedenti għal dak il-fini mill-korp kompetenti tad-WTO;

2. Il-paragrafu 1, il-punt (d), ta' dan l-Artikolu ma għandux japplika fir-rigward ta' prodotti ta' pajjiż benefiċjarju li jkunu soġġetti għal miżuri ta' anti-dumping jew kompensatorji skont ir-Regolament (UE) 2016/1036 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([14]) jew ir-Regolament (UE) 2016/1037 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([15]).

3. Meta l-Kummissjoni, li taġixxi fuq ilment jew fuq inizjattiva proprja, tqis li jkun hemm raġunijiet suffiċjenti li jiġġustifikaw irtirar temporanju tal-preferenzi tariffarji pprovduti skont kwalunkwe arranġament preferenzjali msemmi fl-Artikolu 1(2) abbażi tar-raġunijiet imsemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, u billi tqis, fejn applikabbli, l-involviment imsaħħaħ imsemmi fl-Artikolu 20, hija għandha tadotta att ta' implimentazzjoni biex tibda l-proċedura għal irtirar temporanju f'konformità mal-proċedura konsultattiva msemmija fl-Artikolu 48(2). Meta l-Kummissjoni tqis li hemm raġunijiet suffiċjenti li jiġġustifikaw l-irtirar temporanju tal-preferenzi tariffarji abbażi tal-Artikolu 22(3), il-punt (a), hija għandha tadotta att ta' implimentazzjoni f'konformità mal-proċedura konsultattiva msemmija fl-Artikolu 48(2), sabiex tibda l-proċedura għal irtirar temporanju. Meta l-Kummissjoni tqis li hemm raġunijiet suffiċjenti li jiġġustifikaw l-irtirar temporanju tal-preferenzi tariffarji abbażi tal-Artikolu 22(3), il-punt (b), hija għandha tadotta att ta' implimentazzjoni biex tibda l-proċedura għal irtirar temporanju f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 48(3). Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill bl-adozzjoni ta' dak l-att ta' implimentazzjoni.

4. Il-Kummissjoni għandha tippubblika avviż f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* li jħabbar il-bidu ta' proċedura ta' rtirar temporanju, u għandha tinnotifika lill-pajjiż benefiċjarju kkonċernat dwar l-adozzjoni tal-att ta' implimentazzjoni msemmi fil-paragrafu 3. L-avviż għandu:

(a) jipprovdi raġunijiet suffiċjenti fir-rigward tal-att ta' implimentazzjoni sabiex tinbeda proċedura ta' rtirar temporanju, imsemmija fil-paragrafu 3; u

([14]) Ir-Regolament (UE) 2016/1036 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2016 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 176, 30.6.2016, p. 21, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2016/1036/oj).

([15]) Ir-Regolament (UE) 2016/1037 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2016 dwar il-protezzjoni kontra importazzjonijiet sussidjati minn pajjiżi li mhumiex membri tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 176, 30.6.2016, p. 55, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2016/1037/oj).

(b) jiddikjara li l-Kummissjoni se tagħmel monitoraġġ tas-sitwazzjoni fil-pajjiż benefiċjarju kkonċernat, u tevalwaha, matul il-perjodu ta' monitoraġġ u evalwazzjoni msemmi fil-paragrafu 5 ta' dan l-Artikolu u, fejn xieraq, tkompli d-djalogu mibdi fi ħdan il-qafas tal-involviment imsaħħaħ skont l-Artikolu 20.

5. Il-Kummissjoni għandha twettaq monitoraġġ u evalwazzjoni matul perjodu ta' sitt xhur wara l-pubblikazzjoni tal-avviż imsemmi fil-paragrafu 4. Il-Kummissjoni għandha tagħti lill-pajjiż benefiċjarju kkonċernat kull opportunità li jinvolvi ruħu u jikkoopera fi kwalunkwe ħin matul dak il-perjodu.

6. Il-Kummissjoni għandha tfittex li tikseb l-informazzjoni kollha li hija tqis meħtieġa, inklużi l-valutazzjonijiet, il-kummenti, id-deċiżjonijiet, ir-rakkomandazzjonijiet u l-konklużjonijiet disponibbli tal-korpi ta' monitoraġġ rilevanti, u l-informazzjoni rilevanti minn sorsi oħra, inkluża l-evidenza ppreżentata permezz ta' lment jew ipprovduta minn partijiet terzi, kif xieraq. Fit-tfassil tal-konklużjonijiet tagħha, il-Kummissjoni għandha tivvaluta l-informazzjoni rilevanti kollha, inkluż mis-soċjetà ċivili.

7. Fi żmien tliet xhur mill-iskadenza tal-perjodu msemmi fil-paragrafu 5, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport dwar is-sejbiet u l-konklużjonijiet tagħha lill-pajjiż benefiċjarju kkonċernat. Il-pajjiż benefiċjarju jkollu d-dritt li jippreżenta l-kummenti tiegħu dwar ir-rapport. Il-perjodu għall-kummenti ma għandux jaqbeż xahar.

8. Fi żmien sitt xhur mill-iskadenza tal-perjodu msemmi fil-paragrafu 5, il-Kummissjoni għandha tiddeċiedi:

(a) li ttemm il-proċedura ta' rtirar temporanju; jew

(b) li tirtira temporanjament il-preferenzi tariffarji pprovduti skont l-arranġamenti preferenzjali msemmija fl-Artikolu 1(2).

9. Meta l-Kummissjoni tqis li s-sejbiet ma jiġġustifikawx irtirar temporanju, hija għandha tadotta att ta' implimentazzjoni, skont il-proċedura konsultattiva msemmija fl-Artikolu 48(2), dwar it-tmiem tal-proċedura ta' rtirar temporanju.

10. Meta l-Kummissjoni tqis li s-sejbiet jiġġustifikaw irtirar temporanju għar-raġunijiet imsemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, hija għandha s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 45, biex temenda l-Annessi I u II, sabiex tirtira temporanjament il-preferenzi tariffarji pprovduti skont l-arranġamenti preferenzjali msemmija fl-Artikolu 1(2). Meta tkun qed tħejji l-att delegat, il-Kummissjoni għandha, abbażi tal-informazzjoni disponibbli, twettaq analiżi tal-effett soċjoekonomiku tal-irtirar temporanju tal-preferenzi tariffarji fil-pajjiż benefiċjarju.

11. L-att ta' implimentazzjoni jew dak delegat adottat, imsemmi fil-paragrafi 9 jew 10, rispettivament, għandu jkun ibbażat fuq, inter alia, evidenza miġbura u riċevuta.

12. Meta l-Kummissjoni tiddeċiedi li tirtira temporanjament il-preferenzi tariffarji, l-att delegat imsemmi fil-paragrafu 10 għandu jsir applikabbli sitt xhur mid-data tal-adozzjoni tiegħu.

13. Wara l-adozzjoni tal-att delegat imsemmi fil-paragrafu 10 ta' dan l-Artikolu, il-Kummissjoni għandha tkompli, fejn xieraq, id-djalogu mibdi fi ħdan il-qafas tal-involviment imsaħħaħ skont l-Artikolu 20. Fin-nuqqas ta' tali involviment, il-Kummissjoni tista' ssegwi mezzi oħra ta' djalogu.

14. Meta r-raġunijiet li jiġġustifikaw irtirar temporanju ma jibqgħux japplikaw qabel ma l-att delegat imsemmi fil-paragrafu 10 ta' dan l-Artikolu jsir applikabbli, il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tħassar l-att delegat adottat sabiex tirtira temporanjament il-preferenzi tariffarji f'konformità mal-proċedura ta' urġenza msemmija fl-Artikolu 46.

15. Meta l-Kummissjoni tqis li, f'ċirkostanzi eċċezzjonali, bħal emerġenza tas-saħħa jew sanitarja globali, diżastri naturali jew avvenimenti oħra mhux previsti, ikun xieraq li jiġi rieżaminat il-kamp ta' applikazzjoni tal-irtirar temporanju, u tiġi posposta jew sospiża l-applikazzjoni tal-irtirar temporanju, il-Kummissjoni għandha s-setgħa li temenda l-att delegat imsemmi fil-paragrafu 10 ta' dan l-Artikolu f'konformità mal-proċedura ta' urġenza msemmija fl-Artikolu 46.

16. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 45, biex tissupplimenta dan ir-Regolament billi tistabbilixxi regoli relatati mal-proċedura għall-irtirar temporanju tal-arranġamenti preferenzjali kollha msemmija fl-Artikolu 1(2) b'mod partikolari fir-rigward tal-iskadenzi, id-drittijiet tal-partijiet, il-kunfidenzjalità u r-rieżami ta' kwalunkwe miżura adottata.

17. Il-Kummissjoni għandha tibda l-proċedura għall-irtirar temporanju f'konformità mal-paragrafi 3 sa 16 meta tqis li:

(a) ikun hemm evidenza suffiċjenti li tiġġustifika rtirar temporanju għar-raġunijiet stipulati fil-paragrafu 1, il-punt (a); u

(b) ikun hemm raġunijiet imperattivi ta' urġenza li jkunu debitament ġustifikati, bħal ksur eċċezzjonalment gravi tal-prinċipji msemmija fil-paragrafu 1, il-punt (a), li jirrikjedu rispons rapidu fid-dawl taċ-ċirkostanzi speċifiċi fil-pajjiż benefiċjarju u li jkun diffiċli li jiġu indirizzati billi tintuża l-proċedura msemmija fil-paragrafu 3.

Fil-proċedura skont dan il-paragrafu, il-perjodu msemmi fil-paragrafu 5 għandu jitnaqqas għal xahrejn u l-iskadenza msemmija fil-paragrafu 8 għandha titnaqqas għal ħames xhur.

18. Meta l-Kummissjoni tiddeċiedi li tirtira temporanjament il-preferenzi tariffarji skont il-paragrafu 17 ta' dan l-Artikolu, l-att delegat imsemmi fil-paragrafu 10 ta' dan l-Artikolu għandu jiġi adottat f'konformità mal-Artikolu 46 u għandu japplika xahar wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Artikolu 24

Meta l-Kummissjoni ssib li r-raġunijiet li jiġġustifikaw irtirar temporanju tal-preferenzi tariffarji, kif imsemmi fl-Artikolu 23(1), ma jibqgħux japplikaw, hija għandha s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 45, biex temenda l-Annessi I u II, sabiex jerġgħu jiddaħħlu l-preferenzi tariffarji pprovduti skont is-SĠP.

Meta jibqgħu japplikaw uħud mir-raġunijiet imsemmija fl-Artikolu 23(1) li għalihom ikun ġie deċiż irtirar temporanju tal-preferenzi tariffarji, filwaqt li oħrajn ma jibqgħux japplikaw, jew meta jsiru applikabbli raġunijiet addizzjonali għal dawk li jkunu ġġustifikaw irtirar temporanju tal-preferenzi tariffarji, il-miżuri adottati f'konformità mal-Artikolu 23(10) għandhom jiġu aġġustati kif meħtieġ.

Artikolu 25

1. L-arranġamenti preferenzjali msemmija fl-Artikolu 1(2) jistgħu jiġu rtirati temporanjament, fir-rigward tal-prodotti kollha jew ta' ċerti prodotti li joriġinaw minn pajjiż benefiċjarju, f'każijiet ta' frodi, irregolaritajiet jew fejn jonqsu b'mod sistematiku milli jikkonformaw mar-regoli dwar l-oriġini tal-prodotti, jew milli jiżguraw il-konformità magħhom, u mal-proċeduri relatati magħhom, jew meta jonqsu milli jipprovdu kooperazzjoni amministrattiva kif rikjest għall-implimentazzjoni u l-infurzar ta' dawk l-arranġamenti preferenzjali.

2. Il-kooperazzjoni amministrattiva msemmija fil-paragrafu 1 tirrikjedi, fost l-oħrajn, li pajjiż benefiċjarju:

(a) jikkomunika lill-Kummissjoni u jaġġorna l-informazzjoni meħtieġa għall-implimentazzjoni tar-regoli ta' oriġini u l-infurzar tagħhom;

(b) jassisti lill-Unjoni billi, meta jintalab mill-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri, iwettaq verifika sussegwenti tal-oriġini tal-merkanzija, u jikkomunika r-riżultati tiegħu fil-ħin lill-Kummissjoni;

(c) jassisti lill-Unjoni billi jħalli lill-Kummissjoni, b'koordinazzjoni u kooperazzjoni mill-qrib mal-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri, tmexxi l-missjonijiet ta' kooperazzjoni amministrattiva u investigattiva tal-Unjoni f'dak il-pajjiż, sabiex tivverifika l-awtenticità tad-dokumenti jew l-eżattezza tal-informazzjoni rilevanti għall-għoti tal-arranġamenti preferenzjali msemmija fl-Artikolu 1(2);

(d) iwettaq jew jirranġa biex isiru inkjesti xierqa biex jiġu identifikati u evitati kontravenzjonijiet tar-regoli tal-oriġini;

(e) jikkonforma jew jiżgura l-konformità mar-regoli tal-oriġini fir-rigward tal-akkumulazzjoni reġjonali msemmija fit-Titolu II, il-Kapitolu 1, it-Taqsima 2, is-Subtaqsima 3, tar-Regolament Delegat (UE) 2015/2446, jekk il-pajjiż benefiċjarju jibbenefika minnhom;

(f) jassisti lill-Unjoni fil-verifika ta' mġiba fejn ikun hemm preżunzjoni ta' frodi b'rabta mal-oriġini, li minħabba fiha jista' jkun hemm preżunzjoni tal-eżistenza ta' frodi fejn importazzjonijiet ta' prodotti skont l-arranġamenti preferenzjali msemmija fl-Artikolu 1(2) jaqbżu b'mod massiv il-livelli tas-soltu tal-esportazzjonijiet tal-pajjiż benefiċjarju.

3. Meta l-Kummissjoni tqis li hemm evidenza suffiċjenti li tiġġustifika l-irtirar temporanju ta' arranġamenti preferenzjali għar-raġunijiet stabbiliti fil-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu, hija għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni applikabbli minnufih f'konformità mal-proċedura ta' urġenza msemmija fl-Artikolu 48(4) biex tirtira temporanjament il-preferenzi tariffarji pprovduti skont l-arranġamenti preferenzjali msemmija fl-Artikolu 1(2), fir-rigward tal-prodotti kollha jew ta' ċerti prodotti li joriġinaw minn pajjiż benefiċjarju.

4. Qabel ma tadotta dawn l-atti, il-Kummissjoni għandha l-ewwel tippubblika avviż f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, fejn tiddikjara li hemm raġunijiet għad-dubju raġonevoli dwar il-konformità mal-paragrafi 1 u 2 li jistgħu jixħtu dubju dwar kemm il-pajjiż benefiċjarju għandu dritt li jkompli jgawdi mill-benefiċċji mogħtija minn dan ir-Regolament.

5. Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-pajjiż benefiċjarju kkonċernat dwar kwalunkwe att ta' implimentazzjoni adottat f'konformità mal-paragrafu 3, qabel ma jsir applikabbli.

6. Il-perjodu inizjali ta' rtirar temporanju tal-preferenzi tariffarji ma għandux jaqbeż is-sitt xhur. Mhux aktar tard mill-konklużjoni ta' dak il-perjodu, il-Kummissjoni għandha tadotta att ta' implimentazzjoni applikabbli minnufih f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 48(4), biex ittemm l-irtirar temporanju tal-preferenzi tariffarji jew biex testendi l-perjodu ta' rtirar temporanju tal-preferenzi tariffarji lil hinn mill-perjodu inizjali.

7. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni l-informazzjoni rilevanti kollha, inklużi l-irregolaritajiet li jistgħu jinqalgħu fir-rigward tar-regoli ta' oriġini, li tista' tiġġustifika rtirar temporanju tal-preferenzi tariffarji, l-estensjoni jew it-tmiem tiegħu.

KAPITOLU VII

Dispożizzjonijiet ta' salvagwardja u sorveljanza

Taqsima I

Salvagwardji ġenerali

Artikolu 26

1. Meta prodott li joriġina minn pajjiż benefiċjarju ta' kwalunkwe wieħed mill-arranġamenti preferenzjali msemmija fl-Artikolu 1(2) jiġi importat f'volumi jew bi prezzijiet li jikkawżaw, jew li jheddu li jikkawżaw, diffikultajiet serji lil produtturi tal-Unjoni ta' prodotti simili jew li jikkompetu direttament miegħu, tista' ssir introduzzjoni mill-ġdid sħiħa jew parzjali tad-dazji normali tat-Tariffa Doganali Komuni fuq dak il-prodott.

2. Għall-finijiet ta' dan il-Kapitolu, "prodott simili" jfisser prodott li jkun identiku, jiġifieri, simili f'kull lat, għall-prodott li jkun qed jiġi kkunsidrat, jew fin-nuqqas ta' prodott bħal dan, prodott ieħor li, għalkemm ma jkunx simili f'kull lat, ikollu karatteristiċi li jixbhu mill-qrib dawk tal-prodott li jkun qed jiġi kkunsidrat.

3. Għall-finijiet ta' dan il-Kapitolu, "partijiet interessati" tinkludi dawk il-partijiet involuti fil-produzzjoni, id-distribuzzjoni jew il-bejgħ tal-prodotti importati msemmija fil-paragrafu 1 u ta' prodotti simili jew li jikkompetu direttament.

4. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 45, biex tissupplimenta dan ir-Regolament billi tistabbilixxi regoli relatati mal-proċedura għall-adozzjoni ta' miżuri ġenerali ta' salvagwardja, b'mod partikolari fir-rigward tal-iskadenzi, id-drittijiet ta' partijiet, il-kunfidenzjalità, l-iżvelar, il-verifika, iż-żjajjar u r-rieżami tal-miżuri.

Artikolu 27

Għandu jitqies li jeżistu diffikultajiet serji kif imsemmi fl-Artikolu 26(1) meta l-produtturi tal-Unjoni jsofru minn deterjorament fis-sitwazzjoni ekonomika jew finanzjarja tagħhom. Meta teżamina jekk jeżistix tali deterjorament, il-Kummissjoni tista' tivvaluta wkoll, fejn xieraq, id-dinamiki tas-suq fis-settur kollu kemm hu, inkluż l-impatt fuq produtturi oħra fis-settur, bħall-produtturi ta' prodotti upstream jew downstream. Meta twettaq il-valutazzjoni tagħha, il-Kummissjoni għandha tqis l-indikaturi rilevanti għas-sitwazzjoni ekonomika jew finanzjarja. Tali indikaturi jistgħu jinkludu dawn li ġejjin:

(a) is-sehem mis-suq;

(b) il-produzzjoni;

(c) l-istokks;

(d) il-kapaċità tal-produzzjoni;

(e) l-importazzjonijiet.

Artikolu 28

1. Jekk il-Kummissjoni tqis li hemm biżżejjed evidenza *prima facie* li l-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 26(1) huma ssodisfati, hija għandha tinvestiga jekk għandhiex issir introduzzjoni mill-ġdid sħiħa jew parzjali tad-dazji normali tat-Tariffa Doganali Komuni.

2. Il-Kummissjoni għandha tibda investigazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu fuq talba ta' Stat Membru, ta' kwalunkwe persuna ġuridika jew kwalunkwe assoċjazzjoni li ma jkollhiex personalità ġuridika, li jaġixxu f'isem il-produtturi tal-Unjoni, jew fuq inizjattiva proprja tal-Kummissjoni jekk il-Kummissjoni jidhrilha li jkun hemm biżżejjed evidenza *prima facie*, kif ikun determinat abbażi tal-valutazzjoni msemmija fl-Artikolu 27, biex tiġġustifika tali investigazzjoni. It-talba biex tinbeda investigazzjoni għandu jkollha biżżejjed evidenza prima facie li l-kundizzjonijiet biex tkun imposta l-miżura ta' salvagwardja stabbilita fl-Artikolu 26(1) ikunu ssodisfati. It-talba għandha tiġi ppreżentata lill-Kummissjoni. Il-Kummissjoni, kemm jista' jkun possibbli, għandha teżamina kemm l-evidenza pprovduta fit-talba tkun eżatta u adegwata biex tiddetermina jekk hemmx biżżejjed evidenza *prima facie* biex tiġġustifika li tinbeda investigazzjoni.

3. Meta jkun hemm biżżejjed evidenza *prima facie* biex jiġi ġġustifikat li tinbeda investigazzjoni, il-Kummissjoni għandha tippubblika avviż f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*. Dak l-avviż għandu jipprovdi d-dettalji kollha meħtieġa dwar il-proċedura u l-iskadenzi, inkluża l-possibbiltà ta' rikors lill-Uffiċjal tas-Seduta tad-direttorat ġenerali tal-Kummissjoni responsabbli mill-kummerċ internazzjonali. L-investigazzjoni għandha tibda fi żmien xahar minn meta tiġi riċevuta t-talba skont il-paragrafu 2. Meta ma jkunx hemm evidenza suffiċjenti biex jiġi ġġustifikat il-bidu ta' investigazzjoni, il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Istati Membri bid-deċiżjoni tagħha li ma tibdiex investigazzjoni fi żmien xahar mid-data li fiha tkun irċeviet dik it-talba.

4. Investigazzjoni, inklużi l-passi proċedurali msemmija fl-Artikoli 29, 30 u 31, għandha tingħalaq fi żmien 12-il xahar minn meta tinbeda.

5. Fir-rigward tal-investigazzjonijiet dwar is-salvagwardji ġenerali li jikkonċernaw il-prodotti elenkati fil-Kapitoli minn 1 sa 24 tat-Tariffa Doganali Komuni kif stipulat fir-Regolament (KEE) Nru 2658/87, li joriġinaw minn pajjiżi benefiċjarji, il-perjodu msemmi fil-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu għandu jitnaqqas għal xahrejn fil-każijiet li ġejjin:

(a) meta l-pajjiż benefiċjarju kkonċernat ma jiżgurax konformità mar-regoli tal-oriġini jew ma jipprovdix il-kooperazzjoni amministrattiva msemmija fl-Artikolu 25;

(b) meta importazzjonijiet ta' prodotti elenkati fil-Kapitoli minn 1 sa 24 tat-Tariffa Doganali Komuni, kif stipulat fir-Regolament (KEE) Nru 2658/87, skont l-arranġamenti preferenzjali msemmija fl-Artikolu 1(2) mogħtija skont dan ir-Regolament, jaqbeż b'mod massiv il-livelli tas-soltu ta' esportazzjonijiet mill-pajjiż benefiċjarju kkonċernat.

Artikolu 29

Għal raġunijiet imperattivi ta' urġenza debitament ġustifikati marbuta mad-deterjorament tas-sitwazzjoni ekonomika jew finanzjarja tal-produtturi tal-Unjoni, u meta d-dewmien jaf jikkawża dannu li jkun diffiċli li jissewwa, il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni applikabbli minnufih f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 48(4) biex tintroduċi mill-ġdid dazji tat-Tariffa Doganali Komuni għal perjodu ta' massimu ta' 12-il xahar.

Artikolu 30

Meta l-fatti kif finalment stabbiliti juru li l-kundizzjonijiet stabbilitifl-Artikolu 26(1) jkunu ssodisfati, il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni biex tintroduċi mill-ġdid id-dazji tat-Tariffa Doganali Komuni f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 48(3). Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jidħlu fis-seħħ fi żmien xahar mid-data tal-pubblikazzjoni tagħhom f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Artikolu 31

Meta l-fatti kif finalment stabbiliti juru li l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 26(1) ma jkunux issodisfati, il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni li jtemmu l-investigazzjoni f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 48(3). Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu ppubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*. Jekk ma jiġi ppubblikat l-ebda att ta' implimentazzjoni fil-perjodu msemmi fl-Artikolu 28(4), l-investigazzjoni għandha titqies bħala mitmuma u kwalunkwe att ta' implimentazzjoni adottat skont l-Artikolu 29 għandu jiskadi awtomatikament. Kwalunkwe dazju tat-Tariffa Doganali Komuni miġbur b'riżultat ta' dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandu jiġi rimborsat.

Artikolu 32

Għandha ssir introduzzjoni mill-ġdid sħiħa jew parzjali tad-dazji tat-Tariffa Doganali Komuni sakemm ikun meħtieġ b'reazzjoni kontra d-deterjorament fis-sitwazzjoni ekonomika jew finanzjarja tal-produtturi tal-Unjoni, jew sakemm it-theddida tat-tali deterjorament tippersisti. Il-perjodu tal-introduzzjoni mill-ġdid ma għandux ikun aktar minn tliet snin, sakemm ma jkunx estiż f'ċirkostanzi debitament ġustifikati.

Taqsima II

Salvagwardji speċjali għal ċerti prodotti

Artikolu 33

1. Mingħajr preġudizzju għat-Taqsima I ta' dan il-Kapitolu, sal-1 ta' Jannar ta' kull sena, il-Kummissjoni, fuq inizjattiva proprja u f'konformità mal-proċedura konsultattiva msemmija fl-Artikolu 48(2), għandha tadotta att ta' implimentazzjoni sabiex tneħħi l-preferenzi tariffarji msemmija fl-Artikoli 7 u 12 fir-rigward tal-prodotti elenkati fit-taqsima tas-SĠP S-11a tal-Anness III, tal-prodotti elenkati fit-taqsima tas-SĠP S-11b tal-Anness III, jew tal-prodotti li jaqgħu taħt il-kodiċijiet tan-Nomenklatura Magħquda 2207 10 00 u 2207 20 00,fejn l-importazzjonijiet ta' dawn il-prodotti joriġinaw minn pajjiż benefiċjarju u l-valur totali tagħhom:

(a) għall-prodotti li jaqgħu taħt il-kodiċijiet tan-Nomenklatura Magħquda 2207 10 00 u 2207 20 00jaqbeż is-sehem imsemmi fil-punt 1 tal-Anness IV tal-valur tal-importazzjonijiet tal-Unjoni tal-istess prodotti mill-pajjiżi benefiċjarji kollha, matul sena kalendarja;

(b) għall-prodotti elenkati fit-taqsima tas-SĠP S-11a tal-Anness III u għall-prodotti fit-taqsima tas-SĠP S-11b tal-Anness III, jaqbeż is-sehem imsemmi fil-punt 3 tal-Anness IV tal-valur tal-importazzjonijiet tal-Unjoni tal-prodotti elenkati fit-taqsima tas-SĠP S-11a tal-Anness III jew tal-prodotti elenkati fit-taqsima tas-SĠP S-11b tal-Anness III mill-pajjiżi benefiċjarji kollha, matul sena kalendarja.

2. Il-Paragrafu 1 ma għandux japplika għall-pajjiżi benefiċjarji tal-KMA u lanqas ma għandu japplika għall-pajjiżi b'sehem għall-prodotti rilevanti msemmija fil-paragrafu 1 li ma jaqbiżx is-6 % tal-valur tal-importazzjonijiet totali tal-Unjoni tal-istess prodotti.

3. It-tneħħija tal-preferenzi tariffarji għandha ssir applikabbli xahrejn mid-data tal-pubblikazzjoni tal-att ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni f'dak ir-rigward f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Artikolu 34

1. Meta l-importazzjonijiet ta' prodotti li jaqgħu taħt il-kodiċijiet tan-Nomenklatura Magħquda 1006 10, 1006 20 u 1006 30 li joriġinaw minn pajjiż benefiċjarju jaqbżu, b'mod kumulattiv u fi kwalunkwe punt f'sena kalendarja, il-volumi annwali tal-importazzjonijiet stabbiliti għal kull pajjiż benefiċjarju f'konformità mal-metodoloġija speċifikata fil-paragrafu 4, b'mill-anqas 45 %, il-Kummissjoni għandha:

(a) tissospendi, b'effett immedjat, il-preferenzi tariffarji għall-importazzjonijiet ta' dawk il-prodotti li joriġinaw fil-pajjiż benefiċjarju kkonċernat għall-bqija tas-sena kalendarja; u

(b) tintroduċi, għat-tul tas-sena kalendarja ta' wara, kwota tariffarja għall-importazzjonijiet ta' dawk il-prodotti li joriġinaw mill-pajjiż benefiċjarju kkonċernat.

Il-kwota tariffarja msemmija fil-punt (b) tal-ewwel subparagrafu għandha tkun ugwali għall-volum annwali tal-importazzjonijiet mill-pajjiż benefiċjarju kkonċernat stabbilit għas-sena li fiha tkun daħlet fis-seħħ is-sospensjoni msemmija fil-punt (a) tal-ewwel subparagrafu, f'konformità mal-metodoloġija speċifikata fil-paragrafu 4. Huma biss l-importazzjonijiet fi ħdan il-kwota tariffarja msemmija fil-punt (b) tal-ewwel subparagrafu li għandhom ikomplu jibbenefikaw mill-preferenzi tariffarji.

2. Il-paragrafu 1 ma għandux japplika għall-pajjiżi benefiċjarji b'sehem għall-prodotti li jaqgħu taħt il-kodiċijiet tan-Nomenklatura Magħquda 1006 10, 1006 20 u 1006 30 ikkunsidrat b'mod kumulattiv, li ma jaqbiżx is-6 % tal-importazzjonijiet totali tal-Unjoni.

3. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni li, f'konformità mal-proċedura konsultattiva msemmija fl-Artikolu 48(2), jistabbilixxu l-arranġamenti għall-monitoraġġ tal-volumi tal-importazzjonijiet, l-arranġamenti għas-sospensjoni tal-preferenzi tariffarji u l-arranġamenti għall-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu. L-ewwel wieħed minn dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2027.

4. Għas-sena kalendarja 2027, il-volumi tal-importazzjonijiet għal kull pajjiż benefiċjarju msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jiġu ddeterminati mill-medja aritmetika tal-volumi annwali tal-importazzjonijiet fl-Unjoni li joriġinaw minn kull pajjiż benefiċjarju bejn l-1 ta' Jannar 2015 u l-31 ta' Diċembru 2024. Sal-31 ta' Diċembru 2027 u sal-31 ta' Diċembru ta' kull sena minn hemm 'il quddiem, il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni f'konformità mal-proċedura konsultattiva msemmija fl-Artikolu 48(2) biex tispeċifika l-volumi tal-importazzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu u applikabbli għas-sena kalendarja ta' wara, abbażi tal-medja aritmetika tal-volumi annwali tal-importazzjonijiet fl-Unjoni li joriġinaw minn kull pajjiż benefiċjarju matul l-għaxar snin kalendarji preċedenti, abbażi tal-aktar data reċenti disponibbli.

5. Ir-rapport dwar l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament previst fl-Artikolu 49, it-tieni paragrafu, għandu jinkludi valutazzjoni tal-ħtieġa u l-funzjonament tal-mekkaniżmu stabbilit f'dan l-Artikolu.

Artikolu 35

Mingħajr preġudizzju għat-Taqsimiet I u III ta' dan il-Kapitolu, meta importazzjonijiet ta' prodotti elenkati fl-Anness I tat-TFUE jikkawżaw, jew jheddu li jikkawżaw, tfixkil serju għas-swieq tal-Unjoni, b'mod partikolari għal reġjun ultraperiferiku wieħed jew aktar, jew għall-mekkaniżmi regolatorji ta' dawn is-swieq, il-Kummissjoni, fuq inizjattiva proprja tagħha jew fuq talba ta' Stat Membru, wara li tikkonsulta mal-kumitat għall-organizzazzjoni komuni tas-swieq rilevanti għall-agrikoltura jew għas-sajd, għandha tadotta att ta' implimentazzjoni sabiex tissospendi l-arranġamenti preferenzjali msemmija fl-Artikolu 1(2) fir-rigward tal-prodotti kkonċernati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 48(3).

Artikolu 36

Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-pajjiż benefiċjarju kkonċernat malajr kemm jista' jkun dwar kull deċiżjoni meħuda f'konformità mal-Artikolu 33, l-Artikolu 34 jew l-Artikolu 35 qabel ma ssir applikabbli.

Taqsima III

Sorveljanza fis-setturi tal-agrikoltura u tas-sajd

Artikolu 37

1. Mingħajr preġudizzju għat-Taqsima I ta' dan il-Kapitolu, prodotti elenkati fil-Kapitoli minn 1 sa 24 tat-Tariffa Doganali Komuni kif stipulat fir-Regolament (KEE) Nru 2658/87, li joriġinaw minn pajjiżi benefiċjarji, jistgħu jkunu soġġetti għal mekkaniżmu speċjali ta' sorveljanza, sabiex ikun evitat tfixkil għas-swieq tal-Unjoni. Fir-rigward ta' prodotti speċifiċi, għandha titnieda sorveljanza speċjali fuq talba ta' Stat Membru jew tista' titnieda mill-Kummissjoni.

2. Meta r-riżultati tas-sorveljanza speċjali tal-prodotti skont dan l-Artikolu jikkonfermaw tfixkil fis-swieq tal-Unjoni, il-Kummissjoni, wara li tikkonsulta lill-Kumitat għall-organizzazzjoni komuni tas-swieq rilevanti għall-agrikoltura jew għas-sajd, għandha tadotta att ta' implimentazzjoni f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 48(3), sabiex tapplika d-dazji tat-Tariffa Doganali Komuni għall-prodotti taħt sorveljanza. It-tneħħija tal-preferenzi tariffarji għandha ssir applikabbli mill-għada tad-data tal-pubblikazzjoni tal-att ta' implimentazzjoni rilevanti f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

3. Meta tivvaluta t-tfixkil fis-swieq tal-Unjoni skont il-paragrafu 1, il-Kummissjoni għandha tqis l-iżviluppi rilevanti kollha tas-suq, inkluż l-impatt tal-importazzjonijiet totali kkonċernati fuq is-sitwazzjoni tas-suq tal-Unjoni. Dik il-valutazzjoni għandha tinkludi fatturi bħall-impatt tal-importazzjonijiet ikkonċernati fuq il-livell tal-prezzijiet tal-Unjoni, l-impatt tal-importazzjonijiet minn sorsi oħra, żieda fl-importazzjonijiet minn pajjiż benefiċjarju, kif ukoll l-impatt tal-importazzjonijiet fuq l-istabbiltà ġenerali tas-suq tal-Unjoni għall-prodott rilevanti.

4. Il-valutazzjoni tal-Kummissjoni msemmija fil-paragrafu 3 ma għandhiex tieħu aktar minn sitt xhur. Il-perjodu għal dik il-valutazzjoni jista', fejn meħtieġ, jiġi estiż sa massimu ta' sitt xhur.

5. Id-dazji tat-Tariffa Doganali Komuni għandhom jiġu introdotti mill-ġdid għal perjodu ta' 12-il xahar. Il-perjodu ta' introduzzjoni mill-ġdid ta' dawk id-dazji jista' jiġi estiż, fejn meħtieġ, biex jiġi miġġieled it-tfixkil fis-swieq rilevanti tal-Unjoni.

Artikolu 38

Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-pajjiż benefiċjarju kkonċernat malajr kemm jista' jkun dwar kull deċiżjoni meħuda f'konformità mal-Artikolu 37 qabel ma ssir applikabbli.

KAPITOLU VIII

Dispożizzjonijiet komuni

Artikolu 39

1. Biex jibbenefikaw mill-preferenzi tariffarji, il-prodotti li għalihom jintalbu l-preferenzi tariffarji għandhom joriġinaw f'pajjiż benefiċjarju.

2. Għall-finijiet tal-arranġamenti preferenzjali msemmija fl-Artikolu 1(2) ta' dan ir-Regolament, ir-regoli dwar l-oriġini preferenzjali għandhom ikunu dawk stipulati f'konformità mal-Artikolu 64(1) u (3) tar-Regolament (UE) Nru 952/2013.

3. Mingħajr preġudizzju għar-regoli msemmija fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu u fuq talba ta' pajjiż benefiċjarju, il-Kummissjoni għandha tagħti akkumulazzjoni reġjonali msemmija fl-Artikolu 55 tar-Regolament Delegat (UE) 2015/2446 bejn il-pajjiżi benefiċjarji ta' gruppi reġjonali differenti jew akkumulazzjoni estiża msemmija fl-Artikolu 56 tar-Regolament Delegat (UE) 2015/2446 meta u sakemm ikunu ssodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) it-talba mill-pajjiż benefiċjarju tipprovdi evidenza suffiċjenti li din l-akkumulazzjoni hija meħtieġa fid-dawl tal-ħtiġijiet speċifiċi tal-kummerċ, l-iżvilupp u l-finanzjament ta' dak il-pajjiż;

(b) l-akkumulazzjoni ma toħloqx diffikultajiet kummerċjali mhux dovuti għal pajjiżi eliġibbli oħra, b'mod partikolari pajjiżi benefiċjarji tal-KMA, fid-dawl ta' devjazzjoni possibbli tat-traffiku kummerċjali;

(c) il-pajjiż benefiċjarju jagħti evidenza li ma jistax jikkonforma mar-regoli tal-oriġini applikabbli għall-merkanzija inkwistjoni, jekk ma tiġix mogħtija din l-akkumulazzjoni.

4. Meta tivvaluta jekk it-talba hijiex ġustifikata fid-dawl tal-ħtiġijiet speċifiċi tal-kummerċ, l-iżvilupp u l-finanzjament tal-pajjiż benefiċjarju, b'mod partikolari abbażi tal-informazzjoni pprovduta minn dak il-pajjiż, il-Kummissjoni għandha tqis il-livell ta' dipendenza tal-pajjiż benefiċjarju fuq il-produzzjoni integrata mal-pajjiżi terzi kkonċernati mit-talba, l-impatt ta' tali dipendenza fuq l-iżvilupp sostenibbli tal-pajjiż benefiċjarju, ir-rilevanza tas-setturi b'tali produzzjoni integrata għall-ekonomija tal-pajjiż benefiċjarju u l-perspettivi ta' żvilupp fil-futur fir-rigward tal-prodotti inkwistjoni.

5. Qabel ma l-Kummissjoni tieħu d-deċiżjoni tagħha fuq talba, hija għandha tagħti l-opportunità lill-pajjiż benefiċjarju biex jagħti l-fehmiet tiegħu.

Artikolu 40

Fl-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, għandhom jiġu żgurati s-sinerġiji u l-komplementarjetà mal-azzjonijiet u l-programmi esterni rilevanti tal-Unjoni, b'mod partikolari fir-rigward tal-iżvilupp.

Artikolu 41

1. Meta r-rata ta' dazju *ad valorem* għal dikjarazzjoni ta' importazzjoni individwali titnaqqas f'konformità ma' dan ir-Regolament għal 1 % jew anqas, dak id-dazju għandu jiġi sospiż għalkollox.

2. Meta r-rata ta' dazju speċifiku għal dikjarazzjoni ta' importazzjoni individwali titnaqqas f'konformità ma' dan ir-Regolament għal EUR 2 jew anqas għal kull ammont individwali ta' euro, dak id-dazju għandu jkun sospiż għalkollox.

3. Soġġetta għall-paragrafi 1 u 2, ir-rata finali tad-dazju preferenzjali kkalkulata f'konformità ma' dan ir-Regolament għandha tiġi aġġustata 'l isfel sal-ewwel pożizzjoni deċimali.

Artikolu 42

1. Is-sors ta' statistika li għandu jintuża għall-fini ta' dan ir-Regolament għandu jkun l-istatistika dwar kummerċ estern tal-Unjoni tal-Kummissjoni (l-Eurostat).

2. L-Istati Membri għandhom jibagħtu d-data statistika tagħhom dwar il-prodotti li jitpoġġew taħt il-proċedura doganali għar-rilaxx għal ċirkolazzjoni libera skont il-preferenzi tariffarji skont ir-Regolament (UE) 2019/2152 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([16]) lill-Kummissjoni (l-Eurostat). Sabiex tiġi ffaċilitata l-informazzjoni u tiżdied it-trasparenza, il-Kummissjoni għandha tiżgura li d-data statistika rilevanti għat-taqsimiet tas-SĠP tkun regolarment disponibbli f'bażi ta' data pubblika.

3. F'konformità mal-Artikoli 55 u 56 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/2447, l-Istati Membri għandhom jgħaddu lill-Kummissjoni, meta titlobhom, dettalji tal-kwantitajiet u l-valuri ta' prodotti maħruġin f'ċirkolazzjoni libera skont il-preferenzi tariffarji matul ix-xhur ta' qabel dik it-talba. Dik id-data għandha tinkludi l-prodotti msemmijin fil-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu.

4. Il-Kummissjoni, b'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri, għandha tagħmel monitoraġġ tal-importazzjonijiet tal-prodotti li jaqgħu taħt il-kodiċijiet tan-Nomenklatura Magħquda 0603, 0803 90 10, 1006, 1604 14, 1604 19 31, 1604 19 39, 1604 20 70, 1701, 1704, 1806 10 30, 1806 10 90, 2002 90, 2103 20, 2106 90 59, 2106 90 98, 6403, 2207 10 00, 2207 20 00, 2909 19 10, 3814 00 90, 3820 00 00, 3824 99 56, 3824 99 57, 3824 99 92, 3824 84 00, 3824 85 00, 3824 86 00, 3824 87 00, 3824 88 00, 3824 99 93 u 3824 99 96, sabiex tiddetermina jekk il-kundizzjonijiet imsemmija fl-Artikoli 26, 33, 34, 35 u 37 humiex issodisfati.

Artikolu 43

Il-Kummissjoni għandha tfittex b'mod regolari l-fehmiet tar-rappreżentanti tas-soċjetà ċivili fl-Unjoni u fil-pajjiżi benefiċjarji, fejn xieraq, u tqis l-informazzjoni pprovduta minnhom, inkluż permezz ta' djalogi ddedikati sabiex tirrieżamina, timmonitorja u tivvaluta l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 44

Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, b'mod partikolari fir-rigward tal-miżuri adottati skont il-Kapitolu VII.

Artikolu 45

1. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati hija mogħtija lill-Kummissjoni suġġett għall-kondizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.

2. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati msemmija fl-Artikolu 3(2), fl-Artikolu 5(3), fl-Artikolu 6(2), fl-Artikolu 8(6), fl-Artikolu 10(4), (5) u (7), fl-Artikolu 11(2), fl-Artikolu 15(9) u (13), fl-Artikolu 16, fl-Artikolu 17(2) u (3), fl-Artikolu 23(10), (15) u (16), fl-Artikolu 24 u fl-Artikolu 26(4) għandha tingħata lill-Kummissjoni għal perjodu ta' żmien indeterminat mit-12 ta' Lulju 2026.

3. Id-delega ta' setgħa msemmija fl-Artikolu 3(2), fl-Artikolu 5(3), fl-Artikolu 6(2), fl-Artikolu 8(6), fl-Artikolu 10(4), (5) u (7), fl-Artikolu 11(2), fl-Artikolu 15(9) u (13), fl-Artikolu 16, fl-Artikolu 17(2) u (3), fl-Artikolu 23(10), (15) u (16), fl-Artikolu 24 u fl-Artikolu 26(4) tista' tiġi revokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni li tirrevoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Għandha ssir effettiva fil-jum wara l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata fih. Ma għandha taffettwa l-validità tal-ebda att delegat li jkun diġà fis-seħħ.

([16]) Ir-Regolament (UE) 2019/2152 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Novembru 2019 dwar l-istatistika Ewropea tan-negozju, li tħassar 10 atti legali fil-qasam tal-istatistika tan-negozju (ĠU L 327, 17.12.2019, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2019/2152/oj).

4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta esperti nnominati minn kull Stat Membru skont il-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet.

5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 3(2), l-Artikolu 5(3), l-Artikolu 6(2), l-Artikolu 8(6), l-Artikolu 10(4), (5) jew (7), l-Artikolu 11(2), l-Artikolu 15(9) jew (13), l-Artikolu 16, l-Artikolu 17(2) jew (3), l-Artikolu 23(10), (15) jew (16), l-Artikolu 24 jew l-Artikolu 26(4) għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tiġix espressa oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li mhumiex sejrin joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

Artikolu 46

1. L-atti delegati adottati taħt dan l-Artikolu għandhom jidħlu fis-seħħ mingħajr dewmien u għandhom japplikaw sakemm ma tkun ġiet espressa l-ebda oġġezzjoni skont il-paragrafu 2. In-notifika ta' att delegat lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill għandha tagħti r-raġunijiet li għalihom tkun intużat il-proċedura ta' urġenza.

2. Il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill jistgħu joġġezzjonaw għal att delegat skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 45(6). F'dak il-każ, il-Kummissjoni għandha tħassar l-att immedjatament wara n-notifika tad-deċiżjoni ta' oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill.

Artikolu 47

1. Informazzjoni riċevuta skont dan ir-Regolament għandha tintuża biss għall-fini li għalih tkun intalbet.

2. La l-informazzjoni ta' natura kunfidenzjali u lanqas informazzjoni li tintbagħat fuq bażi kunfidenzjali riċevuta skont dan ir-Regolament ma għandhom jiġu żvelati mingħajr il-permess speċifiku ta' min jipprovdi din l-informazzjoni.

3. Kull talba għall-kunfidenzjalità għandha tiddikjara r-raġunijiet għaliex l-informazzjoni hija kunfidenzjali. Madankollu, jekk min jipprovdi l-informazzjoni ma jixtieqx li jagħmilha pubblika jew li jawtorizza l-iżvelar tagħha f'termini ġenerali jew f'għamla ta' sommarju u jekk ikun jidher li t-talba għall-kunfidenzjalità ma tkunx ġustifikata, l-informazzjoni kkonċernata tista' tiġi injorata.

4. Fi kwalunkwe każ, l-informazzjoni għandha titqies bħala kunfidenzjali jekk l-iżvelar tagħha x'aktarx li jkollu effetti negattivi sinifikanti fuq min jagħti l-informazzjoni jew fuq is-sors ta' tali informazzjoni jew għar-relazzjonijiet internazzjonali bilaterali tal-Unjoni.

5. Il-paragrafi minn 1 sa 4 ma għandhomx jipprekludu r-referenza mill-awtoritajiet tal-Unjoni għal informazzjoni ġenerali, u b'mod partikolari għar-raġunijiet li jkunu bbażati fuqhom id-deċiżjonijiet meħuda skont dan ir-Regolament. Madankollu, dawk l-awtoritajiet għandhom iqisu l-interessi leġittimi tal-persuni fiżiċi u ġuridiċi kkonċernati sabiex is-sigrieti kummerċjali tagħhom ma jiġux żvelati.

Artikolu 48

1. Il-Kummissjoni għandha tkun megħjuna mill-Kumitat tal-Preferenzi Ġeneralizzati stabbilit permezz tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 732/2008 ([17]). Dak il-Kumitat għandu jkun kumitat skont it-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

3. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

4. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011, flimkien mal-Artikolu 5 tiegħu.

Artikolu 49

Sal-1 ta' Jannar 2030 u kull tliet snin minn wara dik id-data, il-Kummissjoni għandha tippreżenta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, rapport dwar l-effetti tas-SĠP u l-progress li jkun sar biex jintlaħqu l-objettivi ta' dan ir-Regolament, li jkun ikopri l-perjodu l-aktar reċenti ta' tliet snin u l-arranġamenti preferenzjali kollha msemmija fl-Arikolu 1(2), u l-attivitajiet ta' monitoraġġ tal-Kummissjoni, inkluża l-informazzjoni mhux kunfidenzjali rigward l-ilmenti mressqa permezz tas-SEP u li huma rilevanti għal dan ir-Regolament.

Sal-1 ta' Jannar 2033, il-Kummissjoni għandha tippreżenta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill rapport dwar l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament. Dak ir-rapport jista' b'mod partikolari jqis il-lista ta' konvenzjonijiet rilevanti fir-rigward ta' aġġornamenti mill-korpi ta' monitoraġġ tan-NU, inkluż dwar il-prinċipji u d-drittijiet fundamentali fuq il-post tax-xogħol, u l-mekkaniżmi ta' gradwazzjoni u tranżizzjoni tal-pajjiżi, b'mod partikolari fir-rigward tal-pajjiżi l-anqas żviluppati. Dak ir-rapport jista', meta jkun xieraq, ikun akkumpanjat minn proposta leġiżlattiva.

Artikolu 50

Ir-Regolament (UE) Nru 978/2012 huwa mħassar b'effett mill-1 ta' Jannar 2027.

Ir-referenzi għar-Regolament imħassar għandhom jinftiehmu bħala referenzi għal dan ir-Regolament u għandhom jinqraw skont it-tabella ta' korrelazzjoni stabbilita fl-Anness VIII.

KAPITOLU IX

Dispożizzjonijiet finali

Artikolu 51

1. Kwalunkwe investigazzjoni jew proċedura ta' rtirar temporanju mibdija u mhux mitmuma skont ir-Regolament (UE) Nru 978/2012 għandha terga' tinbeda awtomatikament skont dan ir-Regolament, ħlief fir-rigward ta' pajjiż benefiċjarju tas-SĠP+ skont dak ir-Regolament jekk l-investigazzjoni jew il-proċedura tkun biss dwar il-benefiċċji mogħtija skont is-SĠP +. Madankollu, tali investigazzjoni jew proċedura għandha tinbeda mill-ġdid awtomatikament jekk l-istess pajjiż benefiċjarju japplika għas-SĠP+ skont dan ir-Regolament qabel l-1 ta' Jannar 2029.

2. L-informazzjoni riċevuta matul investigazzjoni mibdija u mhux mitmuma skont ir-Regolament (UE) Nru 978/2012 għandha titqies f'kull investigazzjoni mibdija mill-ġdid.

3. Pajjiżi li, fil-31 ta' Diċembru 2026, ikunu pajjiżi benefiċjarji tas-SĠP+ skont ir-Regolament (UE) Nru 978/2012, kif stipulat fl-Anness III ta' dak ir-Regolament fil-verżjoni fis-seħħ f'dik id-data, għandhom jitqiesu bħala pajjiżi benefiċjarji tas-SĠP+ skont dan ir-Regolament sal-31 ta' Diċembru 2028. Dawk il-pajjiżi li jixtiequ jkomplu jibbenefikaw mis-SĠP+ skont dan ir-Regolament mill-1 ta' Jannar 2029 għandhom iressqu talba għal dak l-għan qabel dik id-data f'konformità mal-Artikolu 10(1) u (2) ta' dan ir-Regolament. Għal dawk il-pajjiżi li jkunu ssottomettew tali talba, is-SĠP+ għandha tinżamm skont dan ir-Regolament matul il-perjodu ta' valutazzjoni tat-talba tagħhom mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 10 ta' dan ir-Regolament u, meta applikabbli, matul il-perjodu ta' oġġezzjoni previst fl-Artikolu 45(6) ta' dan ir-Regolament.

([17]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 732/2008 tat-22 ta' Lulju 2008 li japplika skema ta' preferenzi tariffarji ġeneralizzati għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2009 sal-31 ta' Diċembru 2011 u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 552/97, (KE) Nru 1933/2006 u r-Regolamenti tal-Kummissjoni (KE) Nru 1100/2006 u (KE) Nru 964/2007 (ĠU L 211, 6.8.2008, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2008/732/oj).

Artikolu 52

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2027. Madankollu, l-Artikolu 5(2), l-Artikolu 8(2), l-Artikolu 10(7), l-Artikolu 15(12), l-Artikolu 23(15), l-Artikolu 26(4), l-Artikolu 34(3) u l-Artikolu 45 għandhom japplikaw mit-12 ta' Lulju 2026.

Dan ir-Regolament għandu japplika sal-31 ta' Diċembru 2036. Madankollu, it-tmiem tal-applikazzjoni tiegħu ma għandu jaffettwa la lill-KMA kif stabbilit skont il-Kapitolu IV u lanqas, sakemm jiġu applikati flimkien ma' dak il-Kapitolu, lil xi dispożizzjoni oħra ta' dan ir-Regolament.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Strażburgu, is-17 ta' Ġunju 2026.

Għall-Parlament Ewropew	*Għall-Kunsill*
Il-President	*Il-President*
R. METSOLA	M. RAOUNA

LISTA TAL-ANNESSI

Anness	Werrej
I	Pajjiżi eliġibbli u benefiċjarji
II	Pajjiżi benefiċjarji li għalihom l-arranġamenti preferenzjali skont is-SĠP ġew irtirati temporanjament fir-rigward tal-prodotti kollha jew ta' ċerti prodotti li joriġinaw minn dawk il-pajjiżi
III	Lista ta' prodotti inklużi fis-SĠP standard u fis-SĠP+
IV	Modalitajiet għall-applikazzjoni tal-Artikoli 8 u 33
V	Modalitajiet għall-applikazzjoni tal-Kapitolu III
VI	Konvenzjonijiet rilevanti
VII	Lista ta' prodotti inklużi biss fis-SĠP+
VIII	Tabella ta' korrelazzjoni

ANNESS I

PAJJIŻI ELIĠIBBLI U BENEFIĊJARJI

Kolonna A: Kodiċi alfabetiku, f'konformità man-nomenklatura tal-pajjiżi u t-territorji għall-istatistika tal-kummerċ barrani tal-Unjoni

Kolonna B: Isem

Kolonna C: Arranġament preferenzjali skont is-SĠP li minnu jibbenefika l-pajjiż

A	B	C
AE	L-Emirati Għarab Magħquda	
AF	L-Afganistan	KMA
AG	Antigua u Barbuda	
AL	L-Albanija	
AM	L-Armenja	
AO	L-Angola	KMA
AR	L-Arġentina	
AZ	L-Ażerbajġan	
BA	Il-Bożnija-Ħerzegovina	
BB	Il-Barbados	
BD	Il-Bangladesh	KMA
BF	Il-Burkina Faso	KMA
BH	Il-Bahrain	
BI	Il-Burundi	KMA
BJ	Il-Benin	KMA
BN	Il-Brunei	
BO	Il-Bolivja	SĠP Standard [1]
BR	Il-Brażil	
BS	Il-Bahamas	
BT	Il-Bhutan	KMA

A	B	C
BW	Il-Botswana	
BY	Il-Belarussja	SĠP Standard ([2])
BZ	Il-Belize	
CD	Ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo	KMA
CF	Ir-Repubblika Ċentru-Afrikana	KMA
CG	Il-Kongo	SĠP Standard
CI	Il-Kosta tal-Avorju	
CK	Il-Gżejjer Cook	SĠP Standard
CL	Iċ-Ċilì	
CM	Il-Kamerun	
CO	Il-Kolombja	
CR	Il-Costa Rica	
CU	Kuba	
CV	Cabo Verde	SĠP Standard ([3])
DJ	Il-Djibouti	KMA
DM	Dominica	
DO	Ir-Repubblika Dominicana	
DZ	L-Alġerija	
EC	L-Ekwador	
EG	L-Eġittu	
ER	L-Eritrea	KMA
ET	L-Etjopja	KMA
FJ	Il-Fiġi	
FM	Il-Mikroneżja	SĠP Standard

A	B	C
GA	Il-Gabon	
GD	Grenada	
GE	Il-Georgia	
GH	Il-Ghana	
GM	Il-Gambja	KMA
GN	Il-Guinea	KMA
GQ	Il-Guinea Ekwatorjali	
GT	Il-Gwatemala	
GW	Il-Guinea-Bissau	KMA
GY	Il-Guyana	
HN	Il-Honduras	
HT	Il-Haiti	KMA
ID	L-Indonežja	
IN	L-Indja	SĠP Standard
IQ	L-Iraq	
IR	L-Iran	
JM	Il-Ġamajka	
JO	Il-Ġordan	
KE	Il-Kenja	
KG	Il-Kirgiżistan	SĠP Standard ([4])
KH	Il-Kambodja	KMA ([5])
KI	Kiribati	KMA
KM	Comoros	KMA
KN	Saint Kitts u Nevis	

A	B	C
KW	Il-Kuwajt	
KZ	Il-Każakistan	
LA	Il-Laos	KMA
LB	Il-Libanu	
LC	Saint Lucia	
LK	Is-Sri Lanka	SĠP Standard ([6])
LR	Il-Liberja	KMA
LS	Il-Lesoto	KMA
LY	Il-Libja	
MA	Il-Marokk	
MD	Il-Moldova	
ME	Il-Montenegro	
MG	Il-Madagascar	KMA
MH	Il-Gżejjer Marshall	
MK	Il-Maċedonja ta' Fuq	
ML	Il-Mali	KMA
MM	Il-Myanmar/Burma	KMA
MN	Il-Mongolja	SĠP Standard ([7])
MR	Il-Mauritania	KMA
MU	Mauritius	
MV	Il-Maldivi	
MW	Il-Malawi	KMA
MX	Il-Messiku	
MY	Il-Malażja	

A	B	C
MZ	Il-Mozambique	KMA
NA	In-Namibja	
NE	In-Niġer	KMA
NG	In-Niġerja	SĠP Standard
NI	In-Nikaragwa	
NP	In-Nepal	KMA
NR	Nauru	
NU	Niue	SĠP Standard
OM	L-Oman	
PA	Il-Panama	
PE	Il-Perù	
PG	Papua New Guinea	
PH	Il-Filippini	SĠP Standard ([8])
PK	Il-Pakistan	SĠP Standard ([9])
PW	Palau	
PY	Il-Paragwaj	
QA	Il-Qatar	
RW	Ir-Rwanda	KMA
SA	L-Arabja Sawdija	
SB	Il-Gżejjer Solomon	KMA
SC	Is-Seychelles	
SD	Is-Sudan	KMA
SL	Sierra Leone	KMA
SN	Is-Senegal	KMA

A	B	C
SO	Is-Somalja	KMA
SR	Is-Suriname	
SS	Is-Sudan t'Isfel	KMA
ST	São Tomé u Príncipe	KMA ([10])
SV	El Salvador	
SY	Is-Sirja	SĠP Standard
SZ	L-Eswatini	
TD	Iċ-Chad	KMA
TG	Togo	KMA
TH	It-Tajlandja	
TJ	It-Taġikistan	SĠP Standard
TL	Timor Leste	KMA
TM	It-Turkmenistan	
TN	It-Tuneżija	
TO	Tonga	
TT	Trinidad u Tobago	
TV	Tuvalu	KMA
TZ	It-Tanzanija	KMA
UA	L-Ukrajna	
UG	L-Uganda	KMA
UY	L-Urugwaj	
UZ	L-Użbekistan	SĠP Standard ([11])
VC	Saint Vincent u l-Grenadini	
VE	Il-Venezwela	

A	B	C
VN	Il-Vjetnam	
VU	Vanuatu	SĠP Standard
WS	Samoa	
XK	Il-Kosovo ([12])	
RS	Is-Serbja	
YE	Il-Jemen	KMA
ZA	L-Afrika t'Isfel	
ZM	Iż-Żambja	KMA
ZW	Iż-Żimbabwe	

([1]) Meqjus bħala pajjiż benefiċjarju tas-SĠP+ skont dan ir-Regolament sal-31 ta' Diċembru 2028. Ara l-Artikolu 51(3).
([2]) Irtirar totali.
([3]) Meqjus bħala pajjiż benefiċjarju tas-SĠP+ skont dan ir-Regolament sal-31 ta' Diċembru 2028. Ara l-Artikolu 51(3).
([4]) Meqjus bħala pajjiż benefiċjarju tas-SĠP+ skont dan ir-Regolament sal-31 ta' Diċembru 2028. Ara l-Artikolu 51(3).
([5]) Irtirar parzjali.
([6]) Meqjus bħala pajjiż benefiċjarju tas-SĠP+ skont dan ir-Regolament sal-31 ta' Diċembru 2028. Ara l-Artikolu 51(3).
([7]) Meqjus bħala pajjiż benefiċjarju tas-SĠP+ skont dan ir-Regolament sal-31 ta' Diċembru 2028. Ara l-Artikolu 51(3).
